**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Ian Joseph Abdilla)**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs.**

**Anthony Debono**

Numru 50/2015

Illum 24 ta' Marzu 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Anthony Debono**, ta' disgħa u ħamsin (59) sena, bin il-mejjet Emanuele u Francesca neé Muscat, imwieled Nadur, Għawdex fit-13 ta' Jannar 1956, residenti f'Anna, Triq il-Knisja, Nadur, Għawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 7856G

akkużat talli fis-sena 2013 u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għall-persuna/i oħra, is-somma ta' aktar minn ħamest elef Euro (€5000) għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema delitt ġie magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju;

2. b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaga b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn ħamest elef Euro (€5000) għad-dannu tal-Gvern ta' Malta u ta' diversi kuntratturi;

3. bi ħsara ta' ħaddieħor, għamel xi qligħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħamest elef Euro (€5000);

4. fil-kapaċita' tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku, għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entita' ohra, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi kienu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, jew seraq tali flejjes tal-Gvern jew oġġetti oħra;

5. fil-kapaċita' tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku, dolożament, bi ksur tad-dmirijiet tiegħu, għamel jew naqas li jagħmel xi att, b'tagħkis jew bi ħsara ta' ħaddieħor;

6. irrenda ruħu kompliċi fil-falsifikazjoni ta' ċedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

7. fil-kapaċita' tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, sar ħati ta' wieħed mid-delitti msemmijin fl-Artikoli 166 u 167 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. xjentement għamel użu minn xi waħda mill-karti msemmijin fl-Artikoli 166, 167 u 168 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. irrenda ruħu kompliċi fil-falsifikazzjoni ta' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi nħolqu pattijiet, dispożizzjonijiet, jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħħlu dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żdiedu jew nbidlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

10. xjentement għamel użu minn atti, kitba jew skritturi foloz hekk kif imsemmija fl-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 (Kodiċi Kriminali) tal-Liġijiet ta' Malta;

11. sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;

12. ikkommetta talli reati, filwaqt li kien uffiċċjal jew impjegat pubbliku, u b'hekk sar ħati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi;

akkużat ukoll talli:

13. fis-27 ta' April 2015 u fil-ġranet ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, ma ħallix persuna jew persuni oħra tagħti jew jagħtu t-tagħrif jew provi meħtieġa f'kawża, ċivili jew kriminali, jew lil xi awtorità kompetenti jew quddiemha.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-*Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta) hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex, fil-każ ta' ħtija:

- barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti *ai termini* tal-Artikoli 23 u 23B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Semgħet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali (Vol. IV: *a fol.* 1309 *et seq.*) datata 24 ta' Settembru 2019 li permezz tagħha bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub:

1. fl-Artikoli 10, 17, 23B, 31, 140, 141, 190, 533 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta;
2. fl-Artikoli 18, 293, 294, 310(1)(a)(b) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta;
3. fl-Artikoli 18, 308, 310(1)(a)(b) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta;
4. fl-Artikoli 18, 309, 310(1)(a)(b) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta;
5. fl-Artikoli 18, 127(1) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta;
6. fl-Artikoli 18, 138 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta;
7. fl-Artikoli 18, 42, 167, 168 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta;
8. fl-Artikoli 18, 169 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta;
9. fl-Artikoli 18, 42, 183, 190 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta;

10. fl-Artikoli 18, 184, 190 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta;
11. fl-Artikoli 18, 188, 190 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta; u
12. fl-Artikolu 111 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-11 ta' Diċembru 2019 (Vol. IV: *a fol.* 1330 *et seq.*) ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fl-24 ta' Settembru 2019 u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja.

Semgħet, fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2021 (Vol. V: *a fol.* 1727 *et seq.*), lill-imputat jiddikjara li kien ser jagħżel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri.

Semgħet lix-xhieda kollha prodotti mid-difiża.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni ppreżentata fis-26 ta' Frar 2021 (Vol. V: *a fol.* 1775 *et seq.*).

Semgħet, fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2021, is-sottomissjonijiet finali tad-difiża (Vol. V: *a fol.* 1800 *et seq.*).

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-Qorti semgħet u ħadet in konsiderazzjoni d-depożizzjonijiet mogħtija mill-persuni <u>kollha</u> li xehdu f'dawn il-proċeduri (u f'każ li dawn il-persuni ppreżentaw xi dokumenti, tad-dokumenti ppreżentati minnhom), id-depożizzjonijiet ta' liema persuni jinsabu traskritti fl-atti proċesswali. Uħud mix-xhieda xehdu fit-tul ħafna u b'hekk il-Qorti ser tagħmel riferenza f'din is-sentenza għad-depożizzjoni mogħtija mix-xhieda prodotti f'dawn il-proċeduri skont kif jidhirilha u skont il-każ.

**<u>Xhieda</u>:**
Illi s-segwenti huma l-persuni li xehdu f'dawn il-proċeduri:

<u>Volum I</u>: Spettur Ian Joseph Abdilla (Vol. I: *a fol.* 27 sa 65), Spettur Ian Joseph Abdilla (Vol. I: *a fol.* 82 sa 83), Spettur Rennie Stivala

(Vol. I: *a fol.* 85 sa 99), Spettur Ian Joseph Abdilla (Vol. I: *a fol.* 100 sa 153), Spettur Ian Joseph Abdilla (Vol. I: *a fol.* 208), Joseph Cauchi (Vol. I: *a fol.* 213 sa 347);

Volum II: John Borġ (Vol. II: *a fol.* 385 sa 389), Mario Calleja (Vol. II: *a fol.* 390 sa 393), Anna Maria Vella (Vol. II: *a fol.* 394 sa 396), Supretendent Paul Vassallo (Vol. II: *a fol.* 417 sa 418), Spettur Yvonne Farruġia (Vol. II: *a fol.* 419 sa 420), PC 1305 Silvio Żammit (Vol. II: *a fol.* 421 sa 423), WPS 103 Marcelle Mifsud (Vol. II: *a fol.* 424 sa 432), PS 476 Shaun Friġġieri (Vol. II: *a fol.* 433 sa 435), PC 896 Robert Żammit (Vol. II: *a fol.* 436 sa 440), PC 288 Patrick Farruġia (Vol. II: *a fol.* 441), PS 559 Jason Spiteri (Vol. II: *a fol.* 442 sa 443), Dr. Christian Żammit (Vol. II: *a fol.* 464 sa 467), Marthese Attard (Vol. II: *a fol.* 468 sa 470), Amity Gauċi (Vol. II: *a fol.* 471 sa 475), George Paċe (Vol. II: *a fol.* 476 sa 506), Mariosa Vella (Vol. II: *a fol.* 507 sa 509), Maryanne Paċe (Vol. II: *a fol.* 510 sa 515), Denise Galea (Vol. II: *a fol.* 516 sa 518), Alexandra Vella (Vol. II: *a fol.* 519 sa 520), Joe Cordina (Vol. II: *a fol.* 521 sa 526), Anton Mizzi (Vol. II: *a fol.* 527 sa 528), Assunta Debono (Vol. II: *a fol.* 571 sa 573), Joseph Buttiġieġ (Vol. II: *a fol.* 574 sa 578), Dr. Martin Bajada (Vol. II: *a fol.* 584 sa 585), Dr. Grazio Merċieca (Vol. II: *a fol.* 587 sa 591), Saviour Farruġia (Vol. II: *a fol.* 592 sa 594), Joseph Buttiġieġ (Vol. II: *a fol.* 598 sa 603);

Volum III: Mario Camilleri (Vol. III: *a fol.* 629 sa 634), Reno Grech (Vol. III: *a fol.* 635 sa 639), Pietru Debono (Vol. III: *a fol.* 640 sa 646), Annette Żammit (Vol. III: *a fol.* 647 sa 651), Anna Aquilina (Vol. III: *a fol.* 652 sa 657), Malcolm Scerri (Vol. III: *a fol.* 715 sa 724), Dr. Marlin Vella (Vol. III: *a fol.* 763 sa 765), Dr. Martin Bajada (Vol. III: *a fol.* 829), Joseph Xiberras (Vol. III: *a fol.* 831 sa 835), Anthony Debono (Vol. III: *a fol.* 840 sa 842), Joseph Portelli (Vol. III: *a fol.* 843 sa 861), David Apap (Vol. III: *a fol.* 862 sa 879), Supretendent Ian Joseph Abdilla (Vol. III: *a fol.* 880), Coronato Calleja (Vol. III: *a fol.* 883 sa 894), Maria Dolores Grima (Vol. III: *a fol.* 895 sa 910), Mario Buġeja (Vol. III: *a fol.* 911 sa 915), Dr. Martin Bajada (Vol. III: *a fol.* 929), Joseph Portelli (Vol. III: *a fol.* 930 sa 947), David Apap (Vol. III: *a fol.* 958 sa 959), Supretendent Ian Abdilla (Vol. III: *a fol.* 960), Joseph Grima (Vol. III: *a fol.* 968 sa 972), Mariano Żammit (Vol. III: *a fol.* 973 sa 981), Joseph Grech (Vol. III: *a fol.* 1024 sa 1025), Sammy Camilleri

(Vol. III: *a fol.* 1027 sa 1028), George Victor Vella (Vol. III: *a fol.* 1029), Carmelo Bajada (Vol. III: *a fol.* 1030 sa 1031), George Formosa (Vol. III: *a fol.* 1032), Dr. John Seychell Navarro (Vol. III: *a fol.* 1045 sa 1047);

Volum IV: George Victor Vella (Vol. IV: *a fol.* 1060), Carmelo Bajada (Vol. IV: *a fol.* 1067 sa 1083), George Formosa (Vol. IV: *a fol.* 1085 sa 1094), Sammy Camilleri (Vol. IV: *a fol.* 1095 sa 1108), Dr. Martin Bajada (Vol. IV: *a fol.* 1117 sa 1118), Joseph Portelli (Vol. IV: *a fol.* 1147 sa 1148), George Victor Vella (Vol. IV: *a fol.* 1174 sa 1180), Perit Richard Aquilina (Vol. IV: *a fol.* 1196 sa 1197), Marcel Tabone (Vol. IV: *a fol.* 1332 sa 1333);

Volum V: Saviour Farruġia (Vol. V: *a fol.* 1337 sa 1339), Anthony Debono (Vol. V: *a fol.* 1341 sa 1348), George Paċe (Vol. V: *a fol.* 1532 sa 1539), David Apap (Vol. V: *a fol.* 1558 sa 1565), Joseph Cauchi (Vol. V: *a fol.* 1568 sa 1649), David Apap (Vol. V: *a fol.* 1655 sa 1657), Sammy Camilleri (Vol. V: *a fol.* 1658), Joseph Cauchi (Vol. V: *a fol.* 1659 sa 1726), Spettur Bernard Charles Spiteri (Vol. V: *a fol.* 1729 sa 1730), Anton Grima (Vol. V: *a fol.* 1732 sa 1739), Francis Saliba (Vol. V: *a fol.* 1742 sa 1747) u David Portelli (Vol. V: *a fol.* 1748 sa 1760).

**Punti saljenti li jemerġu mid-depożizzjoni tal-Uffiċjali Prosekuturi Abdilla u Stivala u mill-*whistleblower* Cauchi:**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti hija tal-fehma li għandha l-ewwel tagħmel riferenza għall-punti saljenti li semmew l-Uffiċjali Prosekuturi Abdilla u Stivala meta xehdu f'dawn il-proċeduri a bażi ta' liema ġew intavolati l-proċeduri odjerni fil-konfront tal-imputat. Riferenza sejra ssir ukoll għall-punti saljenti li xehed fuqhom il-*whistleblower* Joseph Cauchi.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2015, l-Uffiċjal Prosekutur l-i**Spettur (illum Assistent Kummissarju) Ian Joseph Abdilla** (Vol. I: *a fol.* 27 *et seq.*) spjega li kollox beda fit-8 ta' Marzu 2015 meta John Borġ fil-kapaċita' tiegħu ta' Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex kien talab lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga allegazzjonijiet li kienu qegħdin jiċċirkulaw fil-gazzetti dwar allegat

affarijiet ħżiena li seta' kien qiegħed jagħmel l-imputat, li huwa r-raġel tal-eks Ministru għal Għawdex Giovanna Debono. Spjega li l-allegazzjonijiet kienu jikkonċentraw fuq storja li kienet qiegħda tidher fil-gazzetti fejn kien qiegħed jingħad li *whistleblower* Għawdxi kien avviċina l-awtoritajiet b'dettalji dwar l-operat tal-imputat li bejn is-sena 2005/2006 sa Marzu 2013 kien il-*head* tal-*Construction and Maintenance Unit* (CMU) fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Jispjega li l-allegazzjonijiet kienu li l-imputat kellu xi skema li jipprovdi xogħlijiet lil individwi privati fil-kostitwenza tal-mara tiegħu, l-eks Ministru Giovanna Debono, u dawn ix-xogħlijiet kienu jitħallsu mill-*budget* tal-Ministeru u li kienu qegħdin isiru proprju minħabba raġunijiet ta' kostitwenza. Jixhed li l-allegazzjonijiet kienu qegħdin jgħidu li x-xogħol involut kien jirrigwarda tqegħid ta' siment u *concrete*, kostruzzjonijiet ġo postijiet privati, toroq u affarijiet oħra simili għal liema xogħol qatt ma kienet ħarget xi forma ta' *tender.*

L-Uffiċjal Prosekutur Abdilla spjega x'ġara hekk kif ġie riċevut dan ir-rapport dakinhar tat-8 ta' Marzu 2015 fejn, fost affarijiet oħra, ġew issiġillati numru ta' uffiċini ġewwa l-Ministeru għal Għawdex u fejn bdew l-investigazzjonijiet fuq dan il-każ. Jixhed li minn laqgħa li kellhom mas-Segretarju Permanenti fid-9 ta' Marzu 2015, il-Pulizija ġew infurmati li għall-ħabta ta' Settembru/Ottubru 2014 kuntrattur bl-isem ta' Joseph Cauchi magħruf bħala 'Is-Sansun' kien avviċina l-Ministeru fejn oriġinarjament kien tkellem ma' Joseph Portelli (Direttur tal-*Projects and Development*) u sussegwentment tkellem mas-Segretarju Permanenti John Borġ fejn Cauchi kien qalilhom li hu kien għamel xi xogħlijiet meta kien imqabbad mill-imputat għal liema xogħlijiet hu kien għadu ma tħallasx. Jgħid li l-allegazzjonijet li kien qiegħed jagħmel Joseph Cauchi kienu li x-xogħlijiet li l-imputat kien qabbdu jagħmel kienu saru f'postijiet privati jew biex jinqdew nies privati u li dawn kienu tqabbdu mingħajr ma hu kellu xi forma ta' *tender* imma b'*direct order.*

Tul id-depożizzjoni tiegħu, l-Uffiċjal Prosekutur Abdilla jagħti spjegazzjoni dettaljata tal-persuni li ġew mitkellma, x'ingħad minnhom u x'dokumenti ġew elevati. Spjega wkoll li fl-1 ta' April 2015 il-Kummissarju tal-Pulizija Michael Cassar kien bagħat għalih,

għad-Deputat Kummissarju Pierre Calleja, għall-Assistent Kummissarju Dr. Antoine Casha u għall-iSpettur Rennie Stivala fejn ġew infurmati li kien ħareġ Ċertifikat ta' *Whistleblower ai termini* ta' Artikolu 5 tal-Att Dwar il-Protezzjoni ta' Informatur[1] (Kapitolu 527 tal-Liġijiet ta' Malta) fejn Joseph Cauchi kien ingħata l-protezzjoni skont l-istess Att fis-sens li ngħata ċertifikat li ma kinux ser jittieħdu passi kontrih ladarba jgħid il-verita' kollha u skont il-kundizzjonijiet kollha skont il-liġi.[2] Jixhed li, in segwitu ta' hekk, bagħtu għal Joseph Cauchi li ġie mitkellem diversi drabi u kien anke ħadhom f'ħafna postijiet. Spjega x'ingħad minn Joseph Cauchi waqt li kien qed jiġi mitkellem fejn, fost l-oħrajn, xehed li Cauchi qalilhom li għas-sena 2004 l-imputat kien biddel lil ċertu Paul Lanzon li kien *officer in charge* s-CMU u kien minn ftit żmien wara waqt li kien għadu għaddej il-*period contract* tas-sena 2006 li l-imputat beda jqabbdu jagħmel xogħol fil-privat. Jgħid li Cauchi spjega li l-ewwel biċċa xogħol li kien għamel fil-privat kienet kostruzzjoni ta' ġiebja li huwa għamel bejn in-Nadur u l-Qala u wara dan baqa' jagħmel xi xogħlijiet oħra. Jixhed li Cauchi baqa' jinsisti magħhom li minkejja li hu kellu *period contracts* għas-snin 2004, 2005, 2006 ma ħarġux aktar kuntratti sakemm sas-sena 2012 biss hu baqa' jipprovdi servizzi ta' skavar fil-perjodu bejn is-sena 2006 u s-sena 2012.

L-Uffiċjal Prosekutur Abdilla jgħid li meta Cauchi ġie mistoqsi kif kien qed joħroġ l-*invoices* tiegħu għax-xogħlijiet li kien qed jagħmel, Cauchi qalilhom li hu ma seta' qatt joħroġ *invoice* direttament għax-xogħlijiet li kien qiegħed jagħmel u dan għaliex dawn ix-xogħlijiet ma kinux koperti bit-*tender*. Spjega li kien qiegħed jiġri kien li b'mod regolari l-imputat kien imur għand Cauchi u jagħtih struzzjonijiet dwar b'liema mod u kif kellha toħroġ l-*invoice* għal dawn ix-xogħlijiet. Jixhed:

*"Qalilna s-Sur Cauchi li jekk għall-argument hu kien qiegħed, eżempju ħa nagħti, hu kien qiegħed triq bil-konkos li għaliha jkun ħa jitħallas ħames mitt ewro, triq partikolari, is-Sur Debono kien imur għandu xi żmien wara u jgħidlu, isma, oħroġ invoice ta' excavation fuq triq oħra, erba' siegħat,*

[1] *Protection of the Whistleblower Act.*

[2] Dan ġie ppreżentat mill-Uffiċjal Prosekutur Abdilla fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2015 u ġie mmarkat bħala Dok. "IA 7" (Vol. I: *a fol.* 209 *et seq.*).

*oħroġ ħames siegħat invoice ta' excavation fuq triq oħra, u oħroġ xogħol ta' mini excavations fuq triq oħra biex jipprova jġib dik l-invoice għall-istess valur tax-xogħol li huwa jkun għamel. Mela biex iqiegħed il-concrete fi triq partikolari jkun għall-argument ġietu spiża ta' ħames mitt ewro, is-Sur Debono jkun tah struzzjonijiet fuq liema toroq ikun irid joħroġ l-invoice biex joħloq, jasal għal dak il-valur ta' ħames mitt ewro li jkun due lis-Sur Cauchi.*

*Meta staqsejnieh għalfejn kien qed jagħmel dan jiġifieri li hu kien qed jagħmel xogħol fi triq A, imma l-invoice toħroġ biex isir xogħol fuq triq B, C, u D, qalilna l-probabilita' li s-Sur Debono kien ikollu nies tas-CMU jaħdmu fi triq B, C, u D fl-istess perjodu u għalhekk kien jgħidlu biex joħroġ dawk l-invoices fuq dawk it-toroq. Għalhekk insista magħna s-Sur Cauchi li l-invoices li kien joħroġ fuq xogħol li kien jagħtih is-sur Debono kienu qegħdin ikunu kollha foloz u anke l-pagamenti kienu qegħdin ikunu sussegwentement foloz. Biss, kien qalilna li ħafna minn dawn il-pagamenti kienu għaddew. Allura staqsejtu wkoll min kien jgħaddilu l-istruzzjonijiet u hu qalilna li dejjem kull biċċa xogħol li hu kien jagħmel dejjem kienet tiġi bl-istruzzjonijiet direttament tas-Sur Debono l-imputat u qatt ma rċieva struzzjonijiet għal dan it-tip ta' xogħol minn nies oħra taħt is-Sur Debono, jiġifieri dejjem kien jiddielja fuq dawn l-affarijiet mas-Sur Debono"* (Vol. I: *a fol.* 33 u 34).

L-Uffiċjal Prosekutur Abdilla xehed ukoll dwar dak li qalilhom Cauchi rigward min kien jipprovdi l-materjal bħal *concrete*. Spjega li, wara l-elezzjoni tas-sena 2013, Cauchi mar jilmenta ma' Joseph Portelli u li Portelli ma tantx kien tah wiċċ u li kien irrifjuta li jħallas ta' dawn ix-xogħlijiet u kien talab lil Cauchi biex imur ikellem lill-imputat innifsu fuq din il-materja.

Abdilla jixhed li in segwitu ta' dan kollu fit-28 ta' April 2015 kien bagħat għall-imputat li wara li ngħata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat tiegħu, hu ddeċieda li ma jikkonsultax mal-avukat tiegħu u fejn l-imputat ma wieġeb għall-ebda domanda li saritlu, la dakinhar u anqas l-għada, u li l-imputat qallu li skond hu ħass li kien qed jintuża bħala ballun politiku u allura ddeċieda li ma jwieġeb għall-ebda domanda. Jixhed li reġgħu bagħtu għall-imputat fil-5 ta' Mejju 2015 fejn l-imputat reġa' ġie mogħti d-drittijiet kollha tiegħu skont

il-liġi fejn l-istess imputat iddeċieda li ma jwieġeb għall-ebda domanda li saritlu.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2015, l-Uffiċjal Prosekutur l-i**Spettur Rennie Stivala** (Vol. I: *a fol.* 85 *et seq.*) spjega fid-dettall x'ġara hekk kif fit-8 ta' Marzu 2015 John Borġ fil-vesti tiegħu bħala Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex talab lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga allegazzjonijiet li kienu ħarġu fuq il-gazzetta *Malta Today* tal-istess ġurnata, liema allegazzjonijiet kienu jirrigwardaw prinċiparjament abbużi li setgħu twettqu mill-imputat, li jgħid li huwa ir-raġel tal-eks Ministru għal Għawdex Giovanna Debono. Jixhed li l-allegazzjonijiet kienu li l-imputat kien ħoloq sistema li permezz tagħha kien qed iwettaq xogħol għal nies privati jew f'residenzi jew postijiet privati li kienu jiġu mħallsa minn flus tal-Ministeru għal Għawdex u li l-informazzjoni li kellha l-Pulizija sa dak l-istadju kienet turi illi kuntratturi privati Għawdxin kienu qed jitqabbdu jagħmlu xogħol ta' konkos, bini u xibka f'barrieri, djar, toroq u anke garaxxijiet privati mingħajr ma jkun hemm l-ebda *tender* biex ikopri dawn ix-xogħlijiet. Spjega li l-Pulizija ġiet infurmata li l-Ministeru għal Għawdex kellu informazzoni fuq dan il-każ għal ħabta ta' Settembru 2014 meta ċertu kuntrattur Joseph Cauchi magħruf bħala 'Ta' Sansun' kien tkellem mad-direttur Joseph Portelli fuq pagamenti li kellu pendenti għal xogħlijiet li kien għamel f'diversi postijiet imqabbad allegatament mill-imputat. Jixhed dwar in-nies li ġew mitkellma u x'ingħad minnhom, fosthom Joseph Cauchi, u jispjega dwar x'sar wara. Jixhed dwar dak li ġie mistoqsi l-imputat meta ġie interrogat u dwar dak li qal fejn jixhed li l-imputat qalilhom li ma xtaqx iwieġeb għad-domandi li kienu qegħdin isirulu għaliex ħass li hu u l-familja tiegħu kienu qed jintużaw bħala ballun politiku.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2015, xehed **Joseph Cauchi** (Vol. I: *a fol.* 213 *et seq.*) fejn spjega li huwa kuntrattur, jaħdem bil-*bobcats*, *excavators*, ikaħħal, jagħmel xogħol ta' *conversions* u kif ukoll xogħlijiet ta' *excavation* u *concrete* u affarijiet simili. Mistoqsi dwar ix-xogħol li kien jittenderja għalih, jixhed: *"Kienet toħroġ it-tender u tagħmel il-prezz bħalma għidt diġà, imbagħad iċempillek mis-CMU u jmur*

*jieħdok il-foreman tara l-biċċa xogħol tat-tindif tat-triq. U tnaddaf it-triq, imbagħad jidħlu l-ħaddiema tal-Gvern u jirranġaw li jkun hemm bżonn. Jew ikun hemm ħajt imwaqqa', terfgħu"* (Vol. I: *a fol.* 215). Ikkonferma li kien inħareġ ċertifikat mill-Avukat Ġenerali fil-konfront tiegħu fir-rigward tal-każ odjern.

Spjega li lill-imputat jafu ghax kien daħal fl-istess post li kien fih ċertu Pawlu Lanzon is-CMU u li l-imputat kien sejjaħlu biex jagħtih ix-xogħol. Ġie mistoqsi dwar numru ta' dokumenti li jinsabu eżebiti fl-atti. Mistoqsi għala għal Settembru 2014 ħass il-ħtieġa li jmur jilmenta l-Ministeru, wieġeb: *"Kien hemm flus pendenti u ma kellix ċans li noħodhom. [...] Biex nurihom il-problemi li għandi jiena biex niġbor flusi"* (Vol. I: *a fol.* 218). Mistoqsi mill-Qorti ta' xiex kienu dawn il-flus, wieġeb li kienu dwar xogħlijiet li qabbdu l-imputat u mistoqsi jgħid x'kienu dawn ix-xogħlijiet, wieġeb: *"Ix-xogħlijiet huma fejn hemm ninety nine percent fil-privat"* (Vol. I: *a fol.* 218). Jixhed li qabel ma' mar il-Ministeru u tkellem mas-Segretarju Permanenti li kien tkellem dwar dan ma' Dr. Simon Busuttil, li dak iż-żmien kien Kap tal-Oppożizzjoni. Spjega li kien iċempel ta' sikwit lill-imputat u jistaqih fejn kienu l-flus tiegħu u li l-imputat kien jgħidlu sabiex jagħtih ċans u li kien ser jirranġalu.

Joseph Cauchi jixhed li l-imputat kien iqabbdu jagħmel ix-xogħol u li bejn is-sena 2006 u s-sena 2012, minkejja li ma kienx ikollu *tender*, hu baqa' xorta jaħdem tul dan il-perjodu. Mistoqsi jgħid x'kien iqabbdu jagħmel l-imputat, wieġeb hekk: *"Konkos ġol-widien, konkos fit-toroq, ħitan privati tan-nies, ġie li xtrajt il-ġebel jien għax hu ma kienx jissapplajja l-ġebel. Rampi ġor-raba' tal-privat"* (Vol. I: *a fol.* 223).

Cauchi jixhed li ma kienx jista' jibgħat *invoice* peress li ma kellux kuntratti biex jibgħat *invoice* u li l-imputat kien imur id-dar tiegħu, bejn wieħed u ieħor, darba f'sena u kien jeħodlu karti miktubin minnu lesti biex kemm jagħmillu l-*invoice* (lill-imputat). Jixhed: *"Kien jaqbad din il-karta, billi hu kien il-manager tas-CMU u kellu xi mija u ħamsin (150) ħaddiem miegħu, jew kemm kellu insomma, hu kien jaf fejn huma l-ħaddiema, allura kien jaqbad din il-karta, jittikkja fejn jaqbel u jgħidli, iktbu ta' Kuljat, iktbu, hemmhekk, għax hemmhekk hu għandu l-ħaddiema. U x'ħin dik il-karta tiġi biex tgħaddi mid-direttur, dik tgħaddi.*

*Għax fil-works hemm il-ħaddiema hemmhekk. Ma jista' jmeri ħadd li m'hemmx ħaddiema"* (Vol. I: *a fol.* 228).

Jixhed li hemm sebgħin *invoice* li l-ebda waħda minnhom m'hi korretta u meta muri dawn l-*invoices*, xehed: *"Jekk tajtu każ daqsxejn tal-invoices, qabel, fi żmienu wkoll, fi żmien Toni, l-ewwel waħda, konna nagħmlu d-date, it-triq u kollox. Fl-aħħar, fl-aħħar, jiġifieri dan beda Pjazza tad-Dwejra, San Lawrenz, ħames siegħat, tal-Blajjat, Għarb, tal-Kanun, Żebbuġ. Tal-Kanun, Żebbuġ, rajtha dalgħodu, għamilna xibka, għamilna konkos, għamilna kollox, u Alla jbierek tmien (8) siegħat biss hawn f'din l-invoice"* (Vol. I: *a fol.* 231). Jixhed li dawn l-*invoices* m'humiex qegħdin sewwa u għad-domanda jekk huwa tħallasx jew le, wieġeb: *"Fejn hawn din magħhom, iva, tħallast"* (Vol. I: *a fol.* 231). Spjega wkoll li l-*invoices* kienu bla data. Ġie muri numru ta' *invoices* u xehed fuqhom. Mistoqsi x'kien jagħmel bl-*invoices* li semmielhom, wieġeb li kien jagħtihom lill-imputat, l-imputat kien jeħodhom id-dipartiment tiegħu u wara xi żmien kien jirċievi ċ-ċekk. Spjega li kien ħa lill-Pulizija jaraw ċertu postijiet f'Għawdex fejn qalilhom x-xogħol li kien għamel, min qabbdu u x'diskors intqal bejniethom.

**IKKUNSIDRAT**

Illi minkejja li l-kawża odjerna ilha pendenti sa minn Mejju 2015, il-Qorti tinnota li ma kienx possibbli għaliha li tasal biex tagħti s-sentenza finali tagħha qabel illum u dana minħabba diversi fatturi, fosthom:

- in-numru konsiderevoli ta' xhieda li xehdu f'dawn il-proċeduri,
- it-tul ta' ħin li damu jixhdu numru ta' xhieda,
- il-fatt li l-proċeduri odjerni inizjalment kienu marbuta bit-termini ta' rinviji,
- il-fatt li l-Avukat Ġenerali dam, minn tal-anqas, mit-23 ta' Mejju 2018 sal-24 ta' Settembru 2019 sabiex joħroġ l-Artikoli tal-Liġi (Vol. IV – *a fol.* 1309 *et seq.*) li skont hu l-imputat kellu jinstab ħati tagħhom,

u

- minħabba l-għeluq tal-Qorti minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

**Fatti saljenti tal-proċeduri odjerni:**
Illi l-fatti saljenti li taw lok għal dawn il-proċeduri kienu s-segwenti: jirriżulta li bejn is-sena 2005/2006 sa Marzu 2013 l-imputat kien il-head tal-*Construction and Maintenance Unit* (CMU) fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u li da parte tiegħu Joseph Cauchi magħruf bħala 'Tas-Sansun' allega li fil-perjodu msemmi l-imputat kien jinkarigah jagħmel xi xogħlijiet f'postijiet privati għal nies privati għal liema xogħol qatt ma kienet ħarġet xi forma ta' *tender*. Fir-rigward ta' l-imsemmi Cauchi nħareġ Ċertifikat ta' *Whistleblower*[3] *ai termini* ta' Artikolu 5 tal-Att Dwar il-Protezzjoni ta' Informatur (Kapitolu 527 tal-Liġijiet ta' Malta).

Illi mill-atti proċesswali jirrizulta li l-postijiet li jsiru riferenza għalihom fil-paragrafu preċedenti huma tnejn u għoxrin, li ser jiġu kkunsidrati wieħed, wieħed u b'mod separat qabel il-Qorti tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat.

Illi in segwitu ta' dan kollu ttiehdu l-proċeduri kriminali odjerni fil-konfront tal-imputat li ġie akkużat b'diversi imputazzjonijiet, għal-liema imputazzjonijiet l-imputat wieġeb li m'huwiex ħati.

**Seba' stqarrijiet (Dok. "AM 1" – Vol. II: *a fol.* 529 et seq.):**
Illi minkejja li l-imputat għażel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri, kif kellu kull dritt li jagħmel, il-Qorti tinnota li l-atti proċessali jikkontjenu t-traskrizzjonijiet tas-seba' stqarrijiet (Vol. II: *a fol.* 529 *et seq.*) li l-imputat ġie mitlub jirrilaxxa.

Illi l-Qorti tinnota li minkejja li d-dritt għall-assistenza legali qabel l-interrogatorju daħal fis-seħħ fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviż Legali 35/2010 (u ċioé qabel l-imputat ġiet mitlub jirrilaxxa l-istqarrijiet tiegħu), jirriżulta li l-imputat ma ngħatax id-dritt li jkollu

[3] Dok. "IA 7" – Vol. I: *a fol.* 209 *et seq.*

avukat preżenti miegħu waqt it-teħid ta' tali stqarrijiet u dana *stante* li dan ma kienx possibbli fiż-żmien meta ttieħdu l-istqarrijiet in kwistjoni.

Illi l-Qorti hija konxja ta' dak li ġie deċiż riċentement mill-Qrati Maltin fir-rigward ta' stqarrijiet rilaxxati minn persuni arrestati li ngħataw id-dritt li jikkonsultaw ruħhom ma' avukat qabel ittieħdet l-istqarrija tagħhom pero' l-avukat ma setax ikun preżenti waqt it-teħid ta' tali stqarrija (bħal fil-każ odjern). Il-Qorti hija konxja, fost l-oħrajn, ta' dak li ġie deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Diċembru 2018 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Aldo Pistella** u kif ukoll ta' dak li ġie deċiż mill-istess Qorti aktar riċentement fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martino Aiello** deċiża fis-27 ta' Marzu 2020.

Illi l-Qorti tinnota li fl-istqarrijiet li l-imputat ġie mitlub jirrilaxxa, pratikament ma weġibx għad-domandi li sarulu. Tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti m'għandha għalfejn tagħmel l-ebda inferenzi u anqas għandha għalfejn tidħol fil-kwistjoni fir-rigward tal-vulnerabilita' *o meno* tal-imputat u dana meħud in konsiderazzjoni wkoll ta' dak li jirriżulta mill-fedina penali (Dok. "IA 2" – Vol. I: *a fol.* 12) tal-imputat.

**IKKUNSIDRAT**

**Il-Proprjetajiet:**

Illi l-Qorti sejra issa tagħmel riferenza għall-proprjetajiet li jsiru riferenza għalihom mill-Prosekuzzjoni u mill-*whistleblower* Joseph Cauchi, fejn sar aċċess mill-Qorti stess f'kollha kemm huma għajr għal tnejn (Vol. III: *a fol.* 989 *et seq.* u Vol. III: *a fol.* 1033 *et seq.*). F'dawn it-tnejn ma sarx aċċess minħabba raġunijiet msemmija fl-aċċess. Din il-parti tas-sentenza qiegħda issir sabiex meta l-Qorti tkun qed tikkunsidra l-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ma jkollhiex għalfejn tagħmel ripetizzjonijiet pero' tirreferi biss għal din il-parti.

Illi riferenza sejra ssir lejn il-proprjetajiet skont kif ġew indikati mill-Prosekuzzjoni (*Lever Arch File*: Dok. "PW"). Riferenza

għandha ssir ukoll għar-ritratti li jiffurmaw parti minn dan il-*file* u dana sabiex dak li jingħad f'din il-parti tas-sentenza jkun jista' jinftiehem aħjar.

**PW-B-01 Għarb Football Ground In Triq Tumas Cassar, Għarb**

**Joseph Cauchi** spjega li kien ċempillu l-imputat u qallu biex imorru l-Għarb. Jgħid li kien hemm ukoll David Apap, is-Sindku tal-Għarb. Jixhed: *"Għax David kellu f'moħħu li ħa jkabbru l-ground, ħa jkabbru, ħa jwessgħu, allura qlajna dan il-ħajt u dan il-ħajt, hawnhekk ma messux għax hawnhekk għandu diżlivell kbir. Qlajna dan il-ħajt bil-fence b'kollox u tfajna kollox hawnhekk"* (Vol. I: *a fol.* 252). Spjega li ġie mogħti struzzjoni biex jaqla' l-ħajt li semma fix-xhieda tiegħu mill-imputat. Jgħid li ma tkellmux fuq ħlas, pero' jgħid li x-xogħol għamlu u li uża kemm l-*excavator* u l-*bobcat*. Jixhed li dan ġara f'Jannar 2006 u jgħid li lill-imputat ma setax jinvojsjah peress li x-xogħol sar bla *tender*. Jixhed li David Apap kien *canvasser* tal-mara tal-imputat u li spiċċaw iġġieldu u li Apap beda jikkanvassja lil Dr. Chris Said.

Meta xehed is-Sindku tal-Għarb **David Apap** (Vol. III: *a fol.* 862 *et seq.*) f'dawn il-proċeduri huwa spjega li ilu Sindku tal-lokalita' msemmija sa mis-sena 1997. Huwa spjega li bħala Kunsill Lokali, meta kien ikollhom bżonn jagħmlu xi proġett li l-*budget* tagħhom ma kienx ilaħħaq kienu jirrikorru għand il-Ministeri. Mistoqsi dwar il-*ground* tal-futbol il-kbir, jgħid li fiż-żmien dan kien mitluq u kien jeħtieg li ssirlu manutenzjoni. Spjega li kien tkellem mal-imputat u li Joseph Cauchi kien involut f'dan ix-xogħol. Huwa xehed li sar jaf li Cauchi ma kienx tħallas għax-xogħol li għamel fil-*ground* il-kbir wara li rċieva telefonata minn għandu wara l-elezzjoni tas-sena 2013.

Da parte tiegħu, **Malcolm Scerri** bħala uffiċjal mil-*Lands Department*, preċiżament *Senior Technical Officer* fit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern, xehed hekk: *"l-Għarb football ground hija proprjeta' tal-Gvern mikrija lill-Għarb Local Council, pero' proprjeta' tal-Gvern"* (Vol. III: *a fol.* 716). Eżebixxa dokument in sostenn ta' dan li ġie mmarkat bħala Dok. "MS 2" (Vol. III: *a fol.* 727 *et seq.*).

Mill-**aċċess** li sar fuq il-post fit-18 ta' Mejju 2016 (Vol. III: *a fol.* 989 *et seq.*), il-Qorti ġiet mitluba tieħu konjizzjoni ta' tliet plakek partikolari: waħda minn fejn jirriżulta li l-installazzjoni tat-*turf* kien proġett ko-finanzjat mis-Segretarju Parlamentari Għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport, oħra minn fejn jirriżulta li l-*European Agricultural Fund fond for Rural Development* ikkontribwiet il-fondi biex jinbena u jsir il-proġett u oħra minn fejn irriżulta li l-*ground* kien inawgurat mill-eks Ministru għal Għawdex Justyne Caruana fil-5 ta' Awwissu 2015.

**PW-B-02 Five-A-Side Ground Għarb Primary School In Triq il-Viżitazzjoni, Għarb**

**Joseph Cauchi** spjega li kienu hu, l-imputat u David Apap u li kien hemm ħajt li kien idur kontinwu mal-*ground* kollu. Jixhed: *"Dak il-ħajt kien idur mal-ground kollu. Kien idur hawnhekk kollu. Qlajtu minn hawn, għamilt munzell trab hawnhekk, gozz trab hawnhekk fuq din in-naħa u daqshekk kien ix-xogħol tiegħi"* (Vol. I: *a fol.* 255). Jixhed li mbagħad kissru l-*ground* kollu, għamlu l-*excavation* tal-*ground* kollu biex ġabuh għal-livell li għandu. Jixhed ukoll li dan ix-xogħol sar fis-sena 2006.

Meta **David Apap** (Vol. III: *a fol.* 862 *et seq.*) ġie mistoqsi dwar dan il-*ground* tal-*five-a-side*, ikkonferma li huwa parti mill-*premises* tal-iskola. Spjega li l-Kunsill Lokali kien ħa jagħti l-*input* tiegħu fejn ma kienx ħa jlaħħaq l-Għarb Rangers u jixhed li, jekk mhux sejjer żbaljat, hu kien segretarju u li Joseph Cauchi kien il-President tal-Għarb Rangers. Jixhed li x-xogħol sar mis-CMU. David Apap xehed li sar jaf li Cauchi ma kienx tħallas għax-xogħol li għamel fil-*ground* tal-*five-a-side* wara li rċieva telefonata minn għandu wara l-elezzjoni tas-sena 2013.

**Malcolm Scerri** mit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern xehed hekk: *"five-a-side ground Għarb primary school fejn hija proprjeta' tal-Gvern ukoll"* (Vol. III: *a fol.* 716). Eżebixxa dokument li ġie mmarkat bħala Dok. "MS 3" (Vol. III: *a fol.* 729 *et seq.*).

Waqt l-**aċċess** li sar fuq il-post fit-18 ta' Mejju 2016 (Vol. III: *a fol.* 991), id-difiża rrilevat li l-*ground* in kwistjoni jifforma parti mill-*grounds* tal-iskola primarja tal-Għarb.

**PW-B-03 Cement Platform At Wied Ta' Ġulja In Triq Birbuba/Virtu', Għarb**

**Joseph Cauchi** xehed li s-Sindku tal-Għarb David Apap urieh ix-xewqa li ried jagħmel il-*platform* peress li kienu qegħdin jagħmlu statwa tal-festa tar-raħal u riedu jagħmlu pedestall ġdid. Jgħid li David Apap tħaddet mal-imputat u li l-imputat tah il-ġebel u li x'ħin kien qed jibni l-ġebel, tal-barriera ma baqax jeħodulhom u li hu (Cauchi) xtara l-ġebel għall-aħħar ħames jew sitt vjaġġi. Jixhed li sar l-*excavation*, bdew jibnu l-ħajt dobblu għal rasu u għamel *platform* u li dan sar fis-sena 2006. Għad-domanda min kien se jħallsu, wieġeb li hu suppost dejjem tħallas minn għand l-imputat u għad-domanda lil min kellu jinvojsja, wieġeb: *"Jiena għalija għal Toni Debono kont naħdem dejjem. Għax Toni Debono dejjem kien hu l-front man"* (Vol. I: *a fol.* 263).

Meta s-Sindku tal-Għarb **David Apap** (Vol. III: *a fol.* 862 *et seq.*) ġie mistoqsi dwar il-*platform* f'Wied ta' Ġulja, spjega li l-kumitat tal-festa kien qed isib post fejn jagħmel pedestal għal statwa ġdida u jgħid li hu kien fil-kumitat. Jixhed li ġew mitkellma s-CMU jew il-Ministeru għal Għawdex. Ikkonferma li x-xogħol għamlu Joseph Cauchi.

Da parte tiegħu, is-*Senior Technical Officer* **Malcolm Scerri** mit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern xehed illi: *"[…c]ement platform at Wied ta' Ġulja, in Triq Birbuba, Virtu', Għarb, fejn hija ukoll proprjeta' tal-Gvern"* (Vol. III – *a fol.* 717). Eżebixxa Dok. "MS 4" (Vol. III: *a fol.* 731 *et seq.*).

Waqt l-**aċċess** miżmum fuq il-post fit-18 ta' Mejju 2016 (Vol. III: *a fol.* 992), il-Prosekuzzjoni stiednet lill-Qorti tieħu konjizzjoni tal-fatt li meta xehed Joseph Cauchi, Cauchi eżebixxa ritratti li juru l-ħin li kienu qed isiru x-xogħlijiet in kwistjoni, liema ritratti huma dawk immarkati bħala dokument "D173" sa Dok. "D180" (*Lever Arch File*: Dok. "JC"). Da parte tagħha, id-difiża rrilevat li l-*platform* hija

belvedere li għandha bankijiet sabiex il-pubbliku in ġenerali jkun jista' jgawdihom, liema belvedere jinsab fi triq pubblika u li l-aċċess għalih huwa miftuħ għall-pubbliku.

<u>**PW-B-04 Road In Ta' Garrija, Fontana Brothers Fireworks Factory**</u>

**Joseph Cauchi** spjega li hawnhekk saret triq tal-konkos tant li jgħid li hawn intefghu għoxrin trakk konkos. Jixhed li dan sar qabel l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew f'Mejju 2009 meta l-imputat qallu li kellu problema u kien qallu biex jagħmilielu għax ma kienux ser jivvutaw. Jixhed li dik hija triq fuq blat verġni u li skont hu ma kellhiex għalfejn issir. Jixhed ukoll li baqa' ma tħallasx għax-xogħol li għamel. Għad-domanda: *"f'xi stadju ma invojsjajtx lil xi nies?"* (Vol. I: *a fol.* 266), wiegeb fin-negattiv u qal li hu qatt ma nvojsja lil ħadd u jixhed: *"Jiena l-uniku invoices li kont nagħmel huma x'ħin irbaħt it-tender PWB tat-2012 Toni ġie d-dar u ġagħlni nagħmel dawn l-invoices, waħda ta' eight nine seven ow five (89705) u tal-oħra, u l-oħra ta' eight two one thirty three (82133). Dawk biex jaqta' mill-passat"* (Vol. I: *a fol.* 266-267).

**Malcolm Scerri** mit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern xehed is-segwenti: *"Cement road in the area Ta' Garrija next to Fontana Brothers Factory limits of San Dimitri, Għarb, fejn hija l-istess proprjeta' tal-Gvern"* (Vol. III: *a fol.* 717). Eżebixxa dokument in sostenn ta' dan li ġie mmarkat bħala Dok. "MS 5" (Vol. III: *a fol.* 733 *et seq.*).

Waqt l-**aċċess** li sar fuq il-post fit-18 ta' Mejju 2016 (Vol. III: *a fol.* 993 *et seq.*), id-difiża ġibdet l-attenzjoni tal-Qorti li l-Qorti kienet effettivament ġo triq pubblika, li d-difiża deskriviet bħala *farm access road* u li għal din it-triq għandhom aċċess għaliha wkoll persuni li huma proprjetarji tal-barriera jew jaħdmu fil-kamra tan-nar jew għandhom l-għelieqi fil-madwar. Il-Qorti kkonstat dan u anke l-Prosekuzzjoni kkonfermat l-istess.

Il-Qorti tagħmel ukoll riferenza għad-dokument li ġie ppreżentat mid-difiża fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2016, li ġie mmarkat bħala Dok. "JG 1" (Volum III: *a fol.* 1023), li huwa ktejjeb bl-isem "The Island of Gozo – Countryside Walks" li fih hemm elenku ta' passiġġati li

persuni jistgħu jagħmlu fil-kampanja. Fl-aħħar paġna ta' dan il-ktejjeb hemm indikat li huwa *"partnership project of the Ministry for Gozo, Ministry of Tourism, The Malta Tourism Authority and the Gozo Tourism Association"*.

**PW-B-05 Private Parking Area (Brigitta Grafin Von Otting), Triq It-Trux, Għarb**

**Joseph Cauchi** xehed li mar fuq il-post ma' l-imputat fejn iltaqgħu żgur ma' Brigitta u jista' jkun ma' Hans ukoll u li l-imputat qalilhom li kien ser jirranġahielhom u li hu (Cauchi) kien se jirranġalhom kollox. Spjega li din l-*area* ġiet imnaddfa, li jispeċifika li hija *car park privata* tan-nies, ġie mwitti l-*area* tal-*car park* u li tawha l-konkos kif ukoll ix-xibka li nġiebet mis-CMU. Jixhed li hu nvojsja lil Brigitta (li mietet) tal-ħaddiema tiegħu u talli ġarr ix-xibka mis-CMU u talli tella l-konkos. Jgħid li Brigitta ħallsitu biss tax-xogħol u li l-konkos ħallas għalih il-Gvern. Spjega li din id-darba invojsja lil Brigitta peress illi hija barranija u peress li fehmet ix-xogħol peress li kien ilu jaħdem u ma jitħallasx. Spjega li din id-darba kellu ċans forsi jitħallas minn għand klijent u dana *stante* li ma kienx ser imur jaħdem lil xi ħadd Għawdex u jgħidlu jħallsu tax-xogħol li jkun tah l-imputat. Mistoqsi għala, wieġeb: *"Għax l-Għawdxin ippretenda kulħadd li kollox b'xejn. U jiena ma nitħallasx hu"* (Vol. I: *a fol.* 269).

**Malcolm Scerri** mit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern xehed hekk *"Issa, jiena hawnhekk għandi eżebit ir-riċerka kollha tal-proprjetajiet li jindikaw fejn ħafna minnhom huwa kollu proprjeta' tal-Gvern"* (Vol. III: *a fol.* 717). Eżebixxa Dok. "MS 6" (Vol. III: *a fol.* 735 *et seq.*). Mistoqsi dwar id-diversi kuluri li hemm fuq il-pjanta' li eżebixxa, wieġeb li fil-*legend* hija kollha proprjeta' tal-Gvern pero' l-parti l-blu hija reġistrata bħala proprjeta tal-Gvern.

Waqt l-**aċċess** li sar fuq il-post fit-18 ta' Mejju 2016 (Vol. III: *a fol.* 996), id-difiża rrilevat li l-*area* fejn kien qed jinżamm l-aċċess m'hijiex magħluqa u minn imkien ma jirriżulta li hija proprjeta' privata u li t-triq tagħha tkompli tiela' 'l fuq biex tagħti aċċess għal aktar residenzi illi jinsabu aktar 'il fuq.

**PW-B-06 Wall In Triq l-Isqof Mikiel Molina Kantuniera Ma' Triq It-Trux, Għarb**

**Joseph Cauchi**, filwaqt li jagħmel riferenza għal Ġorġ tan-Nabbu u jgħid li għandu ħajt fuq it-triq jew sqaq, jixhed li l-imputat qallu biex jaqla' il-ġebel li kien hemm u biex jinbena ħajt tal-kantun. Jixhed: *"Jiena qbadt, ħammiltlu l-ħajt kollu, hawnhekk, dan li qed tara kollu hawnhekk, dak kollu ġebel ġdid, il-ġebel tfajnih, x'ħin mort fuq il-workings tiegħi ma sibtx carry and dump, carry biss; meta kont nikteb carry and dump tfisser irrid nitħallas tal-barriera"* (Vol. I: *a fol.* 270-271). Jixhed li dan sar f'Ottubru 2010. Mistoqsi dwar x'diskors sar dwar pagamenti, *invoices* u affarijiet hekk, wieġeb li ma kien hemm qatt diskors fuq hekk.

In konnessjoni ma' din il-proprjeta' xehed **George Formosa** (Vol. IV: *a fol.* 1085 *et seq.*) li għażel li jixhed minkejja li ġew intavolati kontra tiegħu proċeduri kriminali u b'hekk seta' jinkrimina ruhu. L-imsemmi Formosa ikkonferma li għandu proprjeta' fi Triq l-Isqof Mikiel Molina kantuniera ma' Triq it-Trux, fl-Għarb. Jixhed li din kienet proprjeta' tan-nanna ta' martu Elizabeth Formosa u li omm martu wirtitha u qasmitha bejn martu u oħtha. Spjega li hu u martu xtraw il-biċċa ta' oħt il-mara u li għas-sena 2010 kienu marru xi Pulizija fejn qalulu li kien daħlilhom rapport illi ħajt partikolari kien fi stat perikoluż u li kien ingħata ftit jiem żmien sabiex jaqla' l-ħajt u jibnih mill-ġdid. Jgħid li hu ppannikja peress li ngħata ftit żmien u peress li ma kellux flus biex jagħmel dik l-ispiża u b'hekk għamel kuntatt mal-imputat peress li ma kienx jaf lil min ser jaqbad jistaqsi. Jixhed li l-imputat kien qallu li kien ser ikellem lill-Pulizija biex jagħtuh aktar ċans. Spjega li baqa' imur għand l-imputat biex jara kif seta' jgħinu u li wara xi żmien l-imputat qallu li f'każ li kien jgħinu, kien ser jaqlagħlu l-ħajt u jagħtih il-ġebel. Jixhed li kien għamilielu ċara li ma kienx ser jagħtih ħaddiema u li hu (Formosa) kellu jieħu ħsieb ir-rimi tal-iskart. Jixhed li meta Joseph Cauchi beda xogħol kien urieh (Formosa lil Cauchi) fejn kellu jarmih. Jgħid li Joseph Cauchi mar u qala' l-ġebel tal-ħajt u jgħid ukoll li jafu peress li joqgħod hemmhekk. Jiċħad li qabbdu hu lil Joseph Cauchi pero' jgħid li jaħseb li qabbdu l-imputat. Mistoqsi jgħid jekk rax ix-xogħol isir, jgħid li hu mar hemm kif kien se jibda x-xogħol u ma reġax rah. Jispjega li Cauchi qalagħlu l-ħajt u ħadlu l-ġebel għand

Dr. Borġ. Mistoqsi jgħid kemm kien kbir il-ħajt, jgħid li kien bejn sitt u seba' filati u jispjega fejn kien. Għad-domanda kif ħa ħsiebu hu l-ġebel, wieġeb li l-imputat kien qallu jagħmel kuntatt ma' Carmel Azzopardi l-Bies u li wara li għamel dan il-kuntatt, dan kien ħadlu l-ġebel u hu (George Formosa) u ħutu bnew il-ħajt. Jgħid li hu ma ħallas xejn għax-xogħol li għamillu s-Sansun u għall-ġebel li ħadlu Azzopardi. Jixhed li l-imputat qatt ma qallu kif kien ser isir il-ħlas ta' dan ix-xogħol. Mistoqsi ta' min hi l-proprjeta' fejn inbena l-ħajt, wieġeb li hija tiegħu u ta' martu. Jgħid li l-imputat ma talbu xejn għall-ħlas ta' dan ix-xogħol u li ma talbux affarijiet oħra. Jixhed li lill-imputat hu ma tah xejn għajr għall-flixkun *whiskey* bħala ħbieb.

In <u>kontro-eżami</u> George Formosa kkonferma li l-ħajt in kwistjoni huwa proprjeta' tiegħu u ta' martu u huwa ħajt li jagħlaq għalqa. Ikkonferma li kemm fiż-żmien in kwistjoni u kif ukoll riċentement kien jaħdem l-għalqa u li huwa jkabbar fiha l-ward li ma jbiegħux bħala ward pero' jnixxfu biex ibiegħ iż-żerriegħa tiegħu. Mitlub jikkonferma li l-ħajt in kwistjoni m'huwiex biss ħajt li jagħlaq ir-raba' u li r-raba' tiegħu hija iżjed għolja mit-triq ta' taħtha, ikkonferma dan. Ikkonferma wkoll li biex jaċċedi għall-proprjeta' tiegħu minn din it-triq, li hija triq minn fejn jgħaddi t-traffiku, imbagħad trid titla' 'l fuq. Ikkonferma li din il-biċċa raba' qegħda f'kantuniera u li ma kienx il-ħajt kollu li kellu l-problema pero' kien biss parti minnu. Ikkonferma li għall-ħajt li qiegħed iżomm raba' li huwa iżjed ogħla mit-triq huma jirreferu għalih bħala ħajt li huwa "fuq ir-riħ". Għad-domanda: *"[…] inti konxju mill-fatt illi meta hemm ħitan li qegħdin fuq ir-riħ tat-triq il-Gvern jipprovdi skema sabiex jgħin fil-manutenzjoni tagħhom, u fiż-żamma tagħhom?"* (Vol. IV: *a fol.* 1092), wieġeb li ma kienx jaf. Ġie mistoqsi fuq diversi ħitan oħra fil-ġżira ta' Għawdex dwar ħitan li qegħdin fuq ir-riħ tat-triq li kkonferma li saru pero' ma jafx min ħallas għalihom. Rigward il-flixkun tal-*whiskey*, mistoqsi jgħid li *"kważi kważi insistejt inti biex tatihulu?"* (Vol. IV: *a fol.* 1093), wieġeb li hu ried jagħtihulu għax l-imputat ma riedux u li tahulu peress li kien qrib il-Milied ukoll.

Minn naħa tiegħu, is-*Senior Technical Officer* **Malcolm Scerri** xehed is-segwenti: *"Din hija l-istess ħaġa, hija proprjeta' tal-Gvern. Biss dan mbagħad is-Supretendent indikali proprjeta' ħa nimmarkaha bl-ittra "X"*

*fuq il-pjanta indikata hawnhekk; jiena ma sibtx informazzjoni jekk hix tal-Gvern. Jien li nista' nindika bħala uffiċjal Taqsima Proprjeta' tal-Gvern huwa proprjeta' tal-Gvern jew le"* (Vol. III: *a fol.* 717). Eżebixxa dokument in sostenn ta' dan li ġie mmarkat bħala Dok. "MS 7" (Vol. III: *a fol. 737 et seq.*).

Waqt l-**aċċess** li sar fuq il-post fit-18 ta' Mejju 2016 (Vol. III: *a fol.* 995), id-difiża rrilevat li l-ħajt in kwistjoni, apparti li jinsab fi triq pubblika, jiddelinja għalqa li tintuża għall-finijiet agrikoli. Il-Qorti kkonstatat, fost l-oħrajn, illi s-sqaq li jinsab fuq il-lemin ta' Triq l-Isqof Molina jibqa' tiela' 'l fuq u hemm aċċess għalih aċċessibbli għal diversi residenzi oħra.

**<u>PW-B-07 Quarry, Situated In Triq It-Trux, Għarb (Sammy Camilleri)</u>**

**Joseph Cauchi** spjega li Sammy Camilleri għandu l-laqam tal-Geżiż, jaħdem mal-Melita, huwa mill-Għarb u joqgħod fit-triq tiegħu u li ilu jafu kemm ilu joqgħod fit-triq tiegħu, ċioé mis-sena 1987. Jgħid ukoll li Sammy Camilleri huwa ħabib ħafna tal-imputat u mistoqsi għala, wieġeb: *"Għax kien jgħinu ħafna, għinu ħafna affarijiet"* (Vol. I: *a fol.* 312). Mistoqsi x'affarijiet, wieġeb: *"Irranġa l-barumbara, irranġalu r-raba' kollu ta' Fonzu, ir-rampi kollha, il-barriera, kulħadd jaf li hija barriera generator room fih daqshekk, illum għandu li għandu. Il-konkos kollu m'għand is-CMU ħadu. It-taħmil kollu jien għamiltulu. Kollu jien għamiltulu"* (Vol. I: *a fol.* 312). Spjega kif l-imputat kien qallu biex imur jagħmillu x-xogħol. Għad-domanda jekk hu ġie li talbu jagħmillu x-xogħol direttament, wieġeb: *"Anzi mhux kien jitlobni direttament; kien jitlobni mingħajr ma jgħid lil Toni u kien iċempel lil Toni, jgħidlu, Ton, dak talabni jagħmel hekk. Ġieli kien jgħidli, mur agħmillu u ġieli ma kienx jieħu pjaċir għax kien jaf li qed nagħmlulu ż-żejjed"* (Vol. I: *a fol.* 313).

Meta Cauchi ġie mistoqsi dwar ix-xogħol li għamel lil Sammy Camilleri, wieġeb li għamillu l-barriera u mistoqsi jgħid x'għamel, wieġeb li għamel taħmil, *excavation* u *packing*. Jixhed li għamel *excavation* ġol-barriera, ġol-barumbara u fir-raba'. Fir-rigward tal-barriera jgħid li ħammel sular taħt l-art, il-pedamenti għamluhom huma u l-*packing* imlewhulu huwa. Mistoqsi xi tfisser il-kelma *packing* għalih, wieġeb: *"Tippakkja, terġa' timla. X'ħin tilħaq il-blat,*

*tibni, ittella' l-pedamenti, tgħid ħa nagħmel il-qatran hawnhekk, allura għandek erba' filati ħa timlihom. Terġa' ġġib it-terrapien u timlihom. Imbagħad fuqu titfa' l-konkos biex ikollok l-ewwel art"* (Vol. I: *a fol.* 315). Għad-domanda jekk Sammy Camilleri kienx jippretendi li jagħmilulu l-imputat ix-xogħol, wieġeb: *"Iva, hi, ħafna. Saħħa kbira ukoll. Sad-drenaġġ għamillu u għax ma tahx – "* (Vol. I: *a fol.* 316).

Mistoqsi dwar id-drenaġġ, Cauchi wieġeb li x-xogħol sar da parte tiegħu u jispjega li ħaffru t-trinka, waħħlu l-pajpijiet li ħadhomlhom Sammy Camilleri u jispeċifika li jaf li huma tal-Gvern għaliex il-Gvern jixtri pajpijiet differenti, waħħlu l-pajpijiet, radmuhom u ġabilhom il-konkos hu u li ma jafx minn fejn ġab dan il-konkos.

Fir-rigward tal-barumbara li tinsab lejn Wied il-Mielaħ, Cauchi spjega li wittew r-rampa pero' jgħid li ma jafx min bnieha. Jixhed li lil Sammy m'għamlulux bini u li huma dejjem għamlu taħmil. Jispeċifika li fuq ġewwa għamlulu ftit pedamenti. Spjega wkoll li għamlu rampi u mistoqsi jgħid x'għamel fir-raba' li jaħseb jgħidulu Ta' Fonzju, fejn jgħid li hemm *gate* li tfisser li ma tistax tidħol iktar 'il gewwa mill-*gate*, *"għamilna kollu, iġġojnihom minn waħda għall-oħra"* (Vol. I: *a fol.* 319). Mistoqsi jgħid jekk jafx jgħid kemm il-rampa hemm bejn wieħed u ieħor, Cauchi wieġeb li ma jafx pero' jgħid li hemm ħafna.

Għad-domanda jekk Sammy Camilleri qattx qabad u ħallsu direttament ta' xi xogħol li qabbdu hu, Cauchi wieġeb: *"Għadni kemm għidtlek. Għandi hawnhekk invoice, għandi hawnhekk invoice, fit-two thousand and thirteen (2013), jiġifieri qabel ħafna – "* (Vol. I: *a fol.* 320). Xehed fuq xogħol li għamel fid-dar tal-mara li żżewweġ, u li fis-sena 2004 ħallsu ta' xi xogħol li għamillu fil-barriera. Ta aktar dettalji fuq ix-xogħlijiet li għamel lil Sammy Camilleri. Mistoqsi għala hemm xi xogħol li għadu ma tħallasx tiegħu, Cauchi wieġeb: *"Għaliex mhux inklużi hemmhekk? Għax m'humiex inklużi hemmhekk. Għax hu qalli, qalli, ejja ħa nħallsek xi ħaġa. Anzi jien bgħatt għalih għidtlu rrid niġbor xi ħaġa. U ġie jħallasni. Għax hu kien jgħidli jekk ma jħallsikx Toni kellimni, jekk ma jħallsikx Toni kellimni. Għidtlu l-kont tiegħek huwa kbir daqs hemm. Qalli jekk ma jħallsikx Toni kellimni. Qalli jekk ma jħallsikx Toni kellimni. Ħeqq! X'ħin kellimtu tani elfejn ewro u x'ħin urejtu l-kont qalli issa ara kif tirranġa miegħu. U kieku, kienu – xejn*

*– kienu naħseb li ma kienx ħa jirranġaw hu u Toni, f'Diċembru tat-two thousand fourteen (2014), Toni ma kienx jgħidli dan il-kliem li ħa niġbor il-flus mingħandu"* (Vol. I: *a fol.* 321).

Illi f'dawn il-proċeduri xehed **Sammy Camilleri** (Vol. IV: *a fol.* 1095 *et seq.*) li għażel li jixhed minkejja li ġew intavolati kontra tiegħu proċeduri kriminali u b'hekk seta' jinkrimina ruhu. Sammy Camilleri ikkonferma li kien ġie mitkellem mill-Pulizija dwar xogħlijiet ġol-għelieqi tagħhom li saru f'xi passaġġi. Mistoqsi jgħid ta' min huma dawn l-għelieqi, wieġeb: *"Tal-familja tagħna u dana għelieqi li huma mqabbla mingħand is-sinjur u li mqabbla mhux lilna biss, lil xi erba' bdiewa oħra"* (Vol. IV: *a fol.* 1095). Jixhed li ġie wkoll mitkellem dwar xogħlijiet li saru ġol-barriera tagħhom li tinsab f'tarf Trux Street.

Mistoqsi jgħid min għamel ix-xogħlijiet fil-passaġġi, wieġeb li sar xogħol ta' rampi u passaġġi u li x-xogħol parti minnu għamlu hu (Sammy) u bħala *excavation* parti minnu għamlu Joseph Cauchi u anke xi *dumping* jew twittija ta' xi terrapien. Xehed li r-rampa saret bil-ġebel, bit-terrapien u li hemm minnhom li sarilhom il-*concrete* fil-wiċċ. Qal li l-*concrete* ġie provdut mir-*Road Construction*. Jgħid li hu talab lis-CMU u li tkellem mal-imputat u qallu biex jirranġaw il-passaġġi li hemm eżistenti biex jitwessgħu biex ikunu jistgħu jgħaddu bil-makkinarju tal-agrikoltura u bil-*bailers*. Jixhed li l-imputat kien qallu li kien ser jibgħat lil xi ħadd biex jarhom u li kienu ser jirranġawhom. Spjega li Joseph Cauchi kkuntattjah u li hu jew ħuh mar fuq il-post u li eventwalment sar it-tħammil tal-ħajt u x-xogħlijiet. Mistoqsi jgħid kemm għamel minn dawn ir-rampi jew passaġġi fil-proprjeta' li juża hu jew li hija mqabbla lilu jew lill-familja tiegħu, wieġeb: erba' jew ħames rampi u żewġ passaġġi. Mistoqsi jgħid jekk min jipprovdilu l-affarijiet, il-ġebel, il-konkos, ix-xogħol ta' tindif u t-taħmil u t-tqegħid sarx dejjem bl-istess mod, wieġeb fl-affermattiv. Jgħid li huwa ma ħallas xejn għar-rampi u għall-passaġġi li saru ġo din ir-raba' u anqas għal min ipprovda it-taħmil u l-ġebel.

Meta Sammy Camilleri ġie mistoqsi dwar il-barriera, jgħid li saru ħafna xogħlijiet hemm. Mistoqsi dwar id-dar u d-drenaġġi, jgħid li

x-xogħol tad-dar għamlu hu u li x-xogħol tad-drenaġġ għamlu Joseph Cauchi. Jgħid li Joseph Cauchi għamel *excavation* tad-drenaġġ, illejja l-pajpijiet, għamel il-*concrete* u reġa għalaq bir-radam biex jerġa' imur. Spjega li hu kien qabbad lil Joseph Cauchi għal dan ix-xogħol u li hu ħallas ta' dan ix-xogħol. Ikkonferma li sar xi tħaffir fil-proprjeta' li jiġi livell mal-*basement* tal-*garage* li għamlu Joseph Cauchi u li *"jien bnejt u saqqaft"* (Vol. IV: *a fol.* 1099). Għal darba oħra kkonferma li hu qabbad lil Joseph Cauchi u li hu ħallsu. Jgħid li saru diversi xogħlijiet oħra fil-barriera, li huwa qabbad lil Joseph Cauchi u li ħallsu.

Mistoqsi dwar il-barumbara, Sammy Camilleri qal li saru xogħlijiet tar-rampa u li saru minnu. Jgħid li r-rampa ġiet imwessa u li bħala *concrete* għamlu hu u li bħala rdim biex witta r-rampa ma jiftakarx jekk għamlux Joseph Cauchi. Jgħid li l-*concrete* ipprovdih ir-*Road Construction* u li għal dan il-*concrete* hu ma ħallasx. Mistoqsi kif kienu marru r-*Road Construction* bil-*concrete* fuq il-post u għamlulu, wieġeb li hu kien talab lill-imputat biex jirranġaw ir-rampa. Jgħid li talbu biex iwessgħu r-rampa u jagħtuha l-*concrete* biex tkun tista' titla' bl-inġenji għar-raba' li hemm peress ma kinitx tista' titla' bil-*bailers* sa taħt l-għalqa minn fejn huma kien jitfgħu it-tiben (Vol. IV: *a fol.* 1100). Jgħid li qabel l-aċċess kien li ridt tniżżlu bl-idejn.

In <u>kontro-ezami</u> meta Sammy Camilleri ġie mistoqsi dwar ir-rampi f'Wied Fonzu u l-post tas-Sisien ikkonferma li din iż-żona f'Għawdex hija mizgħuda bir-raba' li tinħadem u li parti minn din ir-raba', dik tal-parti t'isfel ta' viċin il-wied, hija tal-*Joint Office*. Għad-domanda: *"Qed ngħid tajjeb ukoll illi apparti dawn illi inti qed tirreferi għalihom bħala rampi, fil-verita' huma toroq fir-raba'? Għaliex qed issejħilhom rampi?"* (Vol. IV: *a fol.* 1102), wieġeb: *"Għax tkun minn għalqa għall-oħra. Meta l-għalqa tkun qegħda diżlivell"* (Vol. IV: *a fol.* 1102). Mistoqsi jgħid jekk tistax tissejjaħ bħala *farm access road*, wieġeb fl-affermattiv. Ikkonferma li anke Wied il-Mielaħ huwa wied illi huwa miżgħud bir-raba' u bil-bdiewa jaħdmu fir-raba'. Ikkonferma wkoll li x-xogħol li sar mis-CMU sar f'dawn it-toroq li jagħtu aċċesssi għar-raba' u għall-bdiewa. Ikkonferma li għandu proprjeta' li kienet barriera u li f'din il-proprjeta' ma sar l-ebda xogħol mis-CMU. Fir-rigward tal-barumbara, ikkonferma li saru

diversi xogħlijiet minn diversi kuntratturi, liema xogħlijiet huwa ħallas għalihom. Ikkonferma wkoll li r-rampa li jagħmel riferenza għaliha hija rampa li tagħti aċċess għall-għelieqi oħra. F'ħin minnhom ix-xhud jixhed: *"Jien lanqas niftakar eżatt kienx l-ewwel li mort ħdejn il-kunsill u l-kunsill irriferieni għas-CMU, jew kienx Joe Cauchi stess li rriferieni għas-CMU"* (Vol. IV: *a fol.* 1105).

In <u>ri-eżami</u>, Sammy Camilleri kkonferma li t-*trenching* tad-drenaġġ li tħaffer fil-barriera minn barra sal-kamra, poġġa l-pajpijiet Joseph Cauchi s-Sansun. Mistoqsi min pprovda l-*concrete* biex imbagħad reġgħu għalqu, wieġeb li ma jiftakarx u jaħseb li anqas kien fuq il-post meta sar dan ix-xogħol. Jgħid li hu qabbad lil Joseph Cauchi biex jagħmillu d-drenaġġ komplut u li hu kellu x'jaqsam miegħu għall-ħlas. Għad-domanda: *"Jiġifieri inti mal-concrete tat-trenching inti ma kellekx x'taqsam? Is-Sansun kellu jieħu ħsieb kollox hu?"* (Vol. IV: *a fol.* 1107), wieġeb: *"Le, jien li kelli x'naqsam li s-Sansun jagħmilli d-drenaġġ"* (Vol. IV: *a fol.* 1107). Rigward il-barriera, jgħid li t-titolu huwa tal-*Joint Office* kollha kemm hu u li mbagħad ħarġet xi skema, ma jafx kemm ilu, fejn hu xtara ir-residenza, il-bini li hemm ġo fiha biex tintuża bħala residenza.

Is-*Senior Technical Officer* **Malcolm Scerri** mit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern xehed hekk: *"issa fil-legend jiena indikajt il-proprjeta' l-ħadra hija proprjeta' tal-Gvern pero' ġiet redeemed, ġiet mifdija mis-Sur Saviour Camilleri. Il-proprjeta' mdawwra ma' din il-proprjeta' hija wkoll proprjeta' tal-Gvern, il-proprjeta' l-ħamra"* (Vol. III: *a fol.* 717). Eżebixxa Dok. "MS 6" (Vol. III: *a fol.* 735 *et seq.*). Mistoqsi dwar id-diversi kuluri li hemm fuq il-pjanta' li eżebixxa, wieġeb li fil-*legend* hija kollha proprjeta' tal-Gvern pero' l-parti l-blu hija reġistrata bħala proprjeta' tal-Gvern.

Illi waqt l-**aċċess** li sar fuq il-post fit-18 ta' Mejju 2016 (Vol. III: *a fol.* 997), il-Prosekuzzjoni rrilevat is-segwenti: *"bħalma diġá għamlet waqt id-depożizzjoni tas-Supretendent Abdilla illi għal din il-proprjeta' m'għamlux aċċess għar-raguni illi kienet proprjeta' privata u b'hekk l-istess Prosekuzzjoni kif indikat waqt l-aċċess ma setgħetx tikxef idejha minħabba l-investigazzjonijiet illi kienu qed isiru minnha"* (Vol. III: *a fol.* 997).

Illi sar ukoll **aċċess** fi Triq il-Mielaħ, l-Għarb (Vol. III: *a fol.* 998) fejn ġie ndikat is-segwenti: *"Il-Qorti ġiet murija barumbara illi ssir riferenza għaliha fid-depożizzjoni tas-Sur Cauchi a fol. 312. Ritratti ma hemmx fl-atti proċesswali ta' din il-barumbara. Il-Qorti tinnota illi sabiex ikun hemm aċċess għall-barumbara in kwistjoni, concrete illi jagħti għat-telgħa illi dan l-aċċess jibqa' sejjer għall-għelieqi li hemm biswit l-istess barumbara. Għal kull buon fini l-Qorti tinnota li m'hemm l-ebda gate illi jimpedixxi kwalunkwe aċċess għal din il-barumbara jew għall-għelieqi adjaċenti, tant li l-Qorti u n-nies preżenti għall-aċċess setgħu faċilment ikollhom aċċess sabiex jitilgħu viċin din l-istess barumbara"* (Vol. III: *a fol.* 998).

**PW-B-08 Ramp Beneath Triq Ta' Sdieri, Għarb (K/A Tat-Tmintax)**

**Joseph Cauchi** xehed hekk: *"Il-konkos għamilnielu, minn hawn jidher ara, minn hawnhekk sa hawn fuq, hawn fuq hawn daqxejn konkos għolja biex ġibnihielu kif riedha hu. Għax kien hemm is-sid magħna u kif ried hu għamilnielu"* (Vol. I: *a fol.* 273). Jgħid li ħadu fuq il-post l-imputat u li saret rampa, *leveling of concrete*. Jixhed li dak li sar f'tat-Tmintax, sar fit-8 ta' Marzu 2013 u ċioé jumejn qabel l-elezzjoni ġenerali tas-sena 2013. Jixhed: *"Dan mhux raba' tal-Gvern, dan raba' privat kollu"* (Vol. I: *a fol.* 275) u mistoqsi jgħid kif jaf li hu raba' privat kollu, wieġeb li jaf li l-barriera hija ta' Marjanu u li hu (Cauchi) trabba' ta' Sdieri u li hemm kollu raba' tan-nies u mhux tal-Gvern. Jixhed li *invoice* għal dan ix-xogħol ma ħariġx u li kien għad baqa' bilanċ dovut. Mistoqsi ma' min, wieġeb li mal-imputat peress li dejjem hu qabbdu.

Da parte tiegħu, **Malcolm Scerri** mit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern xehed hekk: *"Mela, din hija pjanta fejn hemm żewġ proprjetajiet fiha. Il-proprjeta' indikata bl-aħmar hija registrata f'isem il-Gvern; il-proprjeta' l-ħadra għalkemm mhix reġistrata f'isem il-Gvern pero' skont ir-riċerka li għamilt hija proprjeta' tal-Gvern. Biss hija proprjeta' tal-Gvern mhux reġistrata"* (Vol. III: *a fol.* 718). Eżebixxa dokument li ġie mmarkat bħala Dok. "MS 8" (*a fol.* 739 *et seq.*).

Waqt l-**aċċess** li sar fuq il-post fit-18 ta' Mejju 2016 (Vol. III: *a fol.* 999 *et seq.*), il-Prosekuzzjoni rrilevat dak li ngħad minn Cauchi li x-xogħol magħmul minnu baqa' dieħel sa anke wara r-rixtellu taħt il-pont illi jinsab wara l-knisja tal-Madonna ta' Pinu. Il-Qorti nnutat

illi l-aċċess għal din il-lokazzjoni huwa aċċess liberu u dak li jkun jista' jibqa' nieżel minnu mingħajr ma jkollu impediment tant li f'dan il-wied wieħed jista' jidħol għall-għelieqi. Il-Qorti nnutat ukoll li wara r-rixtellu li sar riferenza għalih hemm raba' li tinħadem.

**<u>PW-B-09 Cement Road Fi Triq Wied l-Infern, Żebbuġ</u>**

**Joseph Cauchi** spjega li dakinhar stess tal-elezzjoni tas-sena 2013, l-imputat qallu x'kellu jagħmel u li dakinhar stess sar ix-xogħol bil-konkos f'din it-triq li skont hu ma kellux għalfejn isir. Jixhed: *"Imma l-klijent ta' hemm isfel, għax jien ngħidlu l-klijent, is-sid qed jgħid li l-ilma qed jaqagħlu f'tiegħu. Issa kif ġiet issa [...] ġiet agħar għax il-konkos ġie għola mill-opramorta, mill-ilqugħ. Jiġifieri tfajna ma nafx kemm-il trakk konkos hemmhekk biex taparsi nżommulu l-ilma ma jmurx f'tiegħu, tal-ieħor, taħt, li ġiet agħar. Ġiet agħar dik"* (Vol. I: *a fol.* 276). Mistoqsi ta' min hi l-għalqa, wieġeb li ma jafx min hu pero' jaf li hu miż-Żebbug. Jixhed li ma nvojsax u li ma tħallasx.

Da parti tagħha d-difiża pproduċiet lil **Francis Saliba** (Vol. V: *a fol.* 1742 *et seq.*) fejn spjega li għandu diversi raba' u kkonferma li għandu raba' fi triq imsejha tal-Ħamra u li jgħaddi għaliha minn Wied l-Infern. Mistoqsi jgħid jekk fejn hemm ir-raba' tiegħu f'tal-Ħamra ikollux problemi, wieġeb li jaqa' ħafna ilma mill-għoli li jagħlaq it-triq bit-tajn u li dan kollu jaqa' għan-naħa tagħhom. Spjega li l-ħitan waqa' erba' darbiet bl-ilma u minkejja li jerġa jinbena, jerġa jaqa'. Mistoqsi x'għamlu fit-triq, jgħid li din qalbuha ftit 'il ġewwa ħalli l-ilma jiżvija 'l isfel u li issa l-ilma jaqleb għal ġol-wied. Mistoqsi min għamel dan ix-xogħol, wieġeb li dan għamlu l-Gvern. Jgħid li kien għamel ilment lill-Gvern għax it-triq hija tal-Gvern.

Is-*Senior Technical Officer* **Malcolm Scerri** xehed is-segwenti: *"Jidher skont ir-riċerka li għamilt illi t-triq in kwistjoni hija proprjeta' tal-Gvern. L-iSpettur talabni nindika jekk proprjeta' biswit dan il-passaġġ hux proprjeta' tal-Gvern jew le u rriżulta li mhux tal-Gvern il-proprjeta' biswit il-passaġġ. Biss il-passaġġ huwa proprjeta' tal-Gvern"* (Vol. III: *a fol.* 718). Eżebixxa dokument in sostenn ta' dan li ġie mmarkat bħala Dok. "MS 9" (Vol. III: *a fol.* 741 *et seq.*).

Illi waqt l-**aċċess** li sar fuq il-post fit-18 ta' Mejju 2016 (Vol. III: *a fol.* 1002), ġie kkonstat mid-difiża li trejqa partikolari fuq in-naħa illi xxebblek lejn ir-raba', u ċioé mhux fejn hemm il-ħajt tas-sejjieħ, hija daqxejn aktar olzata 'l fuq.

**PW-B-10 General View Of Various Country Roads In Żebbuġ**

Rigward dan, **Joseph Cauchi** xehed hekk: *"Dan hawnhekk juri din it-triq li għadna kemm semmejna issa. Hawnhekk juri li meta konna nkunu nagħmlu x-xogħlijiet, immorru on site jien u Toni, xi darba kien jiġi l-bidwi ukoll, jgħidli, agħmillu minn hawn s'hawn, l-oħrajn tagħmilhomx. U kull fejn tara patches bħal dawk dawk kollha parti minnhom kollha jien għamilthom, b'ordni ta' Toni Debono"* (Vol. I: *a fol.* 278). Jixhed li dan sar fuq diversi perjodi.

Minn naħa tiegħu, l-uffiċjal tal-*Lands Department* **Malcolm Scerri** xehed li ngħad lilu biex ma jagħmilx riċerka fuq dan.

Illi meta l-Qorti kienet qed tagħmel l-aċċess fid-diversi postijiet, fir-rigward ta' dak in eżami l-Qorti nnutat, bi qbil mal-Prosekuzzjoni u d-difiża, li ma kienx hemm għalfejn isir aċċess minn fejn ittieħdu r-ritratti in kwistjoni (Vol. III: *a fol.* 1002 *et seq.*).

**PW-B-11 Number 3, Triq il-Kanun, Għasri**

**Joseph Cauchi** xehed li l-imputat qallu li kien hemm ċertu waħda Renance u qallu biex jagħmlilha pjaċir u jqabbdilha d-drenaġġ minn ġod-dar tagħha għal ġol-*main*. Spjega li mar ma' ħuh biex jagħmel l-*excavation* u li f'ħin minnhom anke nqala' argument bit-telefon ma' Pawlu Scicluna tal-Gozo Farmhouses peress li dan qallu li hemmhekk id-drenaġġ għaddej min-naħa tiegħu u staqsa kif ser iqabbad mad-drenaġġ tiegħu in segwitu ta' liema l-ħaddiema għalqu kollox u marru lejn id-dar. Għad-domanda: *"Meta inti għidtilna li Toni Debono qallek, agħmilli pjaċir, mur agħmilli d-drenaġġ, x'ried ifisser agħmilli pjaċir? Kont ħa tagħmlu b'xejn?"* (Vol. I: *a fol.* 281), wieġeb: *"Jiena mhux suppost nagħmlu b'xejn. Naħseb hu ħa jagħmilhulha b'xejn lil Renance, mhux lili. Lili, jien suppost nitħallas. Allura b'xejn meta mort nixtri invoice ta' fifty one euro, fittings?! Mela hawnhekk hawn xi ħadd jagħmel xi ħaġa b'xejn? jew bil-pjaċiri?!"* (Vol. I: *a fol.* 281). Mistoqsi b'liema mod kellu jitħallas wieġeb li bl-istess

mod, ċioé li l-imputat imur id-dar għandu u jagħmel l-*invoices* b'rata ta' gaffa. Jgħid li hu qatt ma nvojsja lil Renance jew lil ommha.

Meta **Anna Aquilina** (Vol. III: *a fol.* 652 *et seq.*) ġiet mistoqsija tgħid fuq ġiex ġiet mitkellma mill-Pulizija, wieġbet li kellmuha fuq drenaġġ ta' dar li għandha u li tinsab fi Triq il-Kanun, Għasri. Mistoqsija tgħid lil min marret titlob biex isir dan ix-xogħol, wieġbet li lill-imputat u lil martu wkoll. Tispjega li d-drenaġġ ma għamluluhiex. Tgħid lil staqsiet lil tal-Kunsill u qalulha li ma kellux biex. Tispjega li llum il-ġurnata għandha u li għamlu t-triq u tellgħulha fergħa. Tixhed li ma tafx min għamlu u tgħid ukoll li kienet tmur tibki għand l-imputat u li l-imputat kien jgħidilha: *"Nagħmluh"* (Vol. III: *a fol.* 654).

In <u>kontro-eżami</u> meta Anna Aquilina ġiet mistoqsija tgħid meta sar id-drenaġġ, wieġbet: *"Sar kien tela' dan il-Gvern il-ġdid"* (Vol. III: *a fol.* 655). Mistoqsija tgħid jekk id-drenaġġ tagħha ġiex mqabbad mal-*main* tal-Gvern, wieġbet: *"Le, jien qabbadtu, qabbadt wieħed"* (Vol. III: *a fol.* 656). Ikkonfermat illi hija ħarġet il-katusi mid-dar tagħha għal barra. Ikkonfermat ukoll li fl-isqaq fejn hi tgħix hemm dar iżjed 'il fuq minnha illi tappartjeni lil xi ħadd Mizzi. Ikkonfermat ukoll li kien hemm xi problemi ma' dan Mizzi għax kien hemm min qed isostni li ma setgħetx tqabbad ma' ta' Mizzi.

Is-*Senior Technical Officer* **Malcolm Scerri** xehed is-segwenti: *"It-triq biswit din il-proprjeta' hija proprjeta' tal-Gvern. Biss in-number three (3), Triq il-Kanun m'għandiex informazzjoni fuqha"* (Vol. III: *a fol.* 719). Eżebixxa dokument li ġie mmarkat bħala Dok. "MS 10" (*a fol.* 743 *et seq.*).

Illi waqt l-**aċċess** li sar fuq il-post fit-18 ta' Mejju 2016 (Vol. III: *a fol.* 1001), il-Qorti nnutat li f'nofs it-telgħa żgħira li tidher fir-ritratti, hemm minn tal-anqas żewġ tappieri li fuqhom hemm miktub "Drainage Department".

**PW-B-12 Cement Road In Trejqet Il-Ħarrub, Triq San Martin, Victoria**

**Joseph Cauchi** spjega li dakinhar tat-8 ta' Marzu 2013, hu u l-imputat ltaqgħu u jgħid: *"Hawnhekk ma qallix li hawn xi ħadd irid biex jivvota hawnhekk. Imma waqt li konna hemmhekk, waqt li konna hemmhekk, sewwa, ċemplitlu waħda mill-Għarb, sewwa, ċemplet fuq il-mobile tiegħu, tani l-mobile lili, qaltli, Joe, jekk ma tagħmillix ir-rampa Wied il-Mielaħ, għid lir-raġel tiegħi tela' jivvota diġà u ivvota lil Giovanna, jekk, jien baqa' jien u l-mara, m'aħniex ħa nitilgħu nivvutaw jekk ma tagħmilhilix. Aħna dan konna nħlibna biex nagħmlu l-konkos kollu. Din it-triq imbażwajna, ma morniex nagħmluha. Lil din il-mara ma morniex nagħmluhielha. Imma hawnhekk Toni ma qallix, isma', din ejja għax is-Sur Abdilla mhux ħa jivvota. Imma għamilna triq konkos, triq u m'għola hekk konkos"* (Vol. I: *a fol.* 283). Jixhed li għamlu madwar sittin ċentimetru konkos. Mistoqsi jgħid jekk qattx l-imputat semmielux xi diskors dwar xi lqugħ għall-ilma f'dik it-triq, wieġeb fin-negattiv. Għad-domanda jekk l-imputat semmielux xi ħaġa li kien hemm xi bdiewa li kienu qegħdin igergru, wieġeb ukoll fin-negattiv.

Da parte tagħha, id-difiża pproduċiet bħala xhud lil ċertu **Anton Grima** (Vol. V: *a fol.* 1732 *et seq.*) li qal li għandu raba' li tinsab f'Wied Siekel u li missieru ilu mejjet madwar tletin sena u li hu (Anton Grima) ilu jieħu ħsiebha tul dan iż-żmien kollu. Mistoqsi dwar gandott li sar, wieġeb: *"Illi l-ilma tat-triqat fin-naħa ta' fuq fejn jiġu l-main roads ngħidilhom jien għal Munxar jew għal areas oħra jinġabar u jgħaddi minn triq partikolari li hi dejqa kemm tgħaddi karozza, mhux it-triq prinċipali, u jinżel minn hemm u mbagħad jiżbokka 'l isfel għal ġol-qasab ngħidlu jien"* (Vol. V: *a fol.* 1733). Kompla jispjega: *"L-iktar li kont speċi li kont insofri ftit jiena għax kien ifur u l-ilma kien jaqbeż għal ġol-għalqa tiegħi"* (Vol. V: *a fol.* 1733). In kontro-eżami ikkonferma li tas-CMU marru jgħinuh iwessa' l-kanal u qal: *"Iva, għax l-ilma huwa proprjeta' tat-triqat tal-Gvern li jgħaddi minn ġol-għalqa tiegħi"* (Vol. V: *a fol.* 1737). Għad-domanda jekk hux minnu li huwa għamel it-talba biex iwessa' l-kanal, wieġeb: *"Iva, biex nilqa' l-ilma"* (Vol. V: *a fol.* 1737).

L-uffiċjal tal-*Lands Department* **Malcolm Scerri** xehed hekk: *"Mir-riċerka li għamilt tidher li din it-triq mhiex tal-Gvern"* (Vol. III: *a fol.*

719). Eżebixxa dokument in sostenn ta' dan li ġie mmarkat bħala Dok. "MS 11" (Vol. III: *a fol.* 745 *et seq.*).

Illi waqt l-**aċċess** li sar fuq il-post fit-18 ta' Mejju 2016 (Vol. III: *a fol.* 1005 *et seq.*), il-Qorti nġibdtielha l-attenzjoni mid-difiża fir-rigward tal-*gradient* tat-trejqa. Il-Qorti nnutat ukoll il-Prosekuzzjoni u d-difiża qablu dwar il-fatt illi sabiex seta' jsir l-aċċess mill-aċċess ta' qablu, b'xi mod jew ieħor dejjem kien għan-niżla. Ġie mniżżel is-segwenti: *"Il-Qorti minkejja dak li qal tal-Lands ġiet miġbuda l-attenzjoni tagħha mid-difiża illi ma kien hemm l-ebda problema sabiex isir l-aċċess f'dan il-lok u fil-fatt il-Qorti ma kellha l-ebda problema biex tagħmel dan l-aċċess, tant li hemm numru ta' residenzi varji u kif ukoll garaxxijiet b'residenzi fuqhom"* (Vol. III: *a fol.* 1005). Id-difiża għamlet riferenza wkoll għal tabella li kien hemm f'din it-trejqa, liema tabella tidher li hija mwaħħla mill-Kunsill Lokali tal-Fontana fejn qed tiġbed l-attenzjoni tan-nies sabiex inaddfu wara l-*pet* tagħhom bil-kliem: *"Clean after your pet. Fines for those who litter"* (Vol. III: *a fol.* 1006).

**<u>PW-B-13 Taċ-Ċawla, Victoria</u>**

**Joseph Cauchi** xehed li fl-4 ta' Marzu 2013 l-imputat qallu biex jagħmel it-triq kollha bil-konkos u li l-għada saret u jispjega li l-ewwel saret l-*excavation* tat-triq biex tneħħa l-*asphalt* u wara ġie mwitti l-konkos li kien hemm u wittew il-konkos. Jixhed li x-xogħol ma ġiex invojsjat.

**Maria Dolores Grima** (Vol. III: *a fol.* 895 *et seq.*) da parte tagħha xehdet fejn ikkonfermat li għandha proprjeta' bl-isem ta' 'Seagull', Triq iċ-Ċangall, Rabat, Għawdex. Ikkonfermat ukoll li kienet marret il-*Public Works* biex jirranġawlhom it-triq, biex jagħmlulhom il-konkos sabiex ikunu jistgħu jgħaddu minħabba ċ-ċaflis, xita u ġebel. Tikkonferma li t-triq hija wiesgħa u tikkonferma wkoll li riedet li l-parti ta' quddiem tad-dar tiġi tranġata. Mistoqsija ta' min hi l-*area* fejn sar il-*concrete,* wieġbet li hija tal-Gvern. Tikkonferma li ġiet tranġata kemm jgħaddu – il-parti li tmiss mad-dar. Tgħid li t-triq saret ftit qabel l-elezzjoni tas-sena 2013.

In <u>kontro-eżami</u> Maria Dolores Grima kkonfermat li t-triq kienet oriġinarjament tifforma parti mill-għelieqi ta' missierha u li meta

miet missierha, nqasmet. Tikkonferma wkoll li l-parti li qed issir riferenza għaliha hija l-parti fejn il-perit qalilhom li hija tal-Gvern. Tgħid li l-imputat qatt ma talabha xi flus biex jirranġaw it-triq u li qatt ma talabha biex hi tivvota lill-mara tiegħu.

**Malcolm Scerri** mit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern xehed hekk: *"Jidher li t-triq u l-passaġġi biswit il-proprjetajiet huma kollha tal-Gvern"* (Vol. III: *a fol.* 719). Eżebixxa bħala Dok. "MS 12" (Vol. III: *a fol.* 747 *et seq.*) dokument in sostenn ta' dan.

Illi waqt l-**aċċess** li sar fuq il-post fit-18 ta' Mejju 2016 (Vol. III: *a fol.* 1004), il-Qorti kkonstat illi d-dar bl-isem ta' 'Casa Valentina' tinsab *aligned* mad-dar bl-isem 'Seagull'. Il-Qorti nnutat ukoll illi jekk wieħed jibqa' ħiereġ minn quddiem il-proprjeta' 'Seagull' u jibqa' sejjer lejn it-triq prinċipali, ċioé Triq il-Mitħna, l-*alignment* tad-djar ikun wieħed lineari.

**PW-B-14 Wied Il-Lunzjata, Kerċem**

**Joseph Cauchi** xehed li x-xogħol hawn sar fis-sena 2010. Jgħid li l-imputat ħadu fuq il-post. Jixhed: *"Ġie l-bidwi ta' din li għandu l-ġiebja hawnhekk, ma nafx min hu imma jekk narah naħseb nagħrfu jiena, dan il-ġiebja ta' hawnhekk li kellu l-ġiebja, l-ilma kien qed jgħidu li qed joħdilhom il-wiċċ, qalu, insomma, għamilna pipe minn taħt u tajna konkos fuq konkos"* (Vol. I: *a fol.* 288). Jixhed li għamlu *excavation* tal-ġiebja pero' ma jafx min bniha. Mistoqsi jgħid x'għamlu aktar apparti l-ġiebja, wieġeb li għamlu triq *"minn ftit 'il isfel mill-ġiebja, bqajna neżlin b'kollox, għaddejna minn fuq din il-ħnejja, wessgħajna t-triq biex naħseb takkomoda lil dawn in-nies"* (Vol. I: *a fol.* 289). Jixhed li huma għamlu biss il-konkos u waslu sal-*parking* privat ta' persuna li toqgħod ġo villa hemm, li jgħid huwa minn ta' Frenċ. Jixhed li ta' dan ix-xogħol ma tħallasx u li anqas invojsja peress li ma kellux *tender* fuq xiex jinvojsja.

Is-*Senior Technical Officer* fit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern **Malcolm Scerri** xehed is-segwenti: *"Is-Supretendent talabni niċċekkja fuq passaġġ f'dan il-wied. Jidher li dan il-wied huwa proprjeta' tal-Gvern amministrata mill-Uffiċċju Konġunt""* (Vol. III: *fol.* 719). Eżebixxa

dokument li ġie mmarkat bħala Dok. "MS 13" (Vol. III: *a fol.* 749 *et seq.*).

Illi waqt l-**aċċess** li sar fuq il-post fit-18 ta' Mejju 2016 (Vol. III: *a fol.* 1007 *et seq*), il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-ġiebja li jsemmi Joseph Cauchi waqt id-depożizzjoni tiegħu. Il-Qorti nnutat li l-aċċess għal dan il-lok, inkluż għal ġiebja, ma kien impedut bl-ebda mod. Il-Qorti nnutat ukoll kif l-aċċess tas-saqaf għall-ġiebja nnifisha jagħti aċċess b'diżlivell 'l isfel lejn ir-raba' li jinsab biswit l-istess ġiebja. Il-Qorti nnutat kif fi tmiem dan il-passaġġ kien hemm ukoll kanali minn fejn jgħaddi l-ilma fuq liema kanali kien hemm ukoll ġebel li wieħed jista' jgħaddi fuqhom, pero' mhux tul il-kanal kollu. Id-difiża rrilevat li l-aċċess kien qed isir qalb ir-raba' u l-Qorti kkonfermat dan. Ġie verbalizzat is-segwenti: *"Il-Qorti tinnota wkoll illi wara li tinżel għal dan il-bridge, eżatt x'ħin toħroġ mill-bridge fuq in-naħa tax-xellug hemm katina tal-ħadid illi fiha ma jistgħux jipparkjaw vetturi. Pero' l-aċċess għall-bqija tat-trejqa huwa wieħed liberu tant illi l-Qorti tista' tikkonstata tliet bdiewa għaddejjin bil-ħaxix fuq daharhom bi tliet inġenji"* (Vol. III: *a fol.* 1007 *et seq.*).

**<u>PW-B-15 Kerċem Primary School</u>**[4]

**Joseph Cauchi** spjega kif hu u l-imputat marru fuq il-post fi Frar 2013 fejn l-imputat qallu li hemmhekk kienu ħa jiftħu triq ta' erba' metri u jagħlqu oħra. Jispjega li ħuh u ħaddiem ieħor marru u qalgħu s-siġar u spjega x-xogħol li sar, fost liema neħħew il-ħamrija, u kixfu t-triq sa erba' metri sal-blat. Jixhed li fuq il-post kien hemm l-imputat u s-Sindku ta' Kerċem li ma jafx liema wieħed hu. Jixhed li ftit jiem wara l-elezzjoni tas-sena 2013 kien ġie ordnat jerġa jagħmel kollox kif kien qabel u hu reġa poġġa kollox kif kien.

Fir-rigward tal-iskola ta' Kerċem xehed **Joseph Grima** (Vol. III: *a fol.* 968 *et seq.*) li kien Sindku tal-istess lokalita'. Mistoqsi dwar l-iskola ta' Kerċem, jgħid li l-kap tal-iskola kien jiġbidlu l-attenzjoni kontinwament fuq iċ-ċint li jdawwar parti mill-iskola illi kien fi stat perikoluż ħafna. Jgħid li kien avviċina lill-imputat bħala kap tas-CMU biex jirranġa l-ħajt. In <u>kontro-eżami</u> kkonferma li wara l-ħajt

[4] Apparti li jittieħdu in konsiderazzjoni r-ritratti li jiffurmaw parti minn Dok. "PW" (*Lever Arch File*), għandhom jittieħdu wkoll in konsiderazzjoni r-ritratti li jinsabu *a fol.* 881 *et seq.* (Vol. III).

hemm ġnien li huwa parti mill-*grounds* tal-iskola, liema ġnien jgħid li huwa żdingat u li f'nofsu kellu passaġġ.

Da parte tiegħu, dak li kien il-kap tal-iskola ta' Kerċem, ċioé **Mariano Zammit** (Vol. III: *a fol.* 973 *et seq.*) meta ġie mistoqsi dwar xogħlijiet li kienu ser isiru ġol-iskola ta' Kerċem, proprju fil-*ground*, preċiżament fil-ġardina li tinsab biswit il-*ground*, spjega li: *"kien wara l-vaganzi tal-karnival irritornajt lura l-iskola u innutajt illi kien hemm xi ħamrija ġiet spostata fil-ġnien"* (Vol. III: *a fol.* 973). Jixhed li xi ġimgħat wara reġa tpoġġa kollox kif kien. Ikkonferma li għal din it-triq hemm rixtellu u mistoqsi jgħid għand min kienu jkunu ċ-ċwievet ta' dan ir-rixtellu, wieġeb li kienu jinżammu l-iskola u li ma kienux ikunu fuqu. Jgħid li ħadd ieħor ma kellu aċċess. Ma jafx min għamel ix-xogħol għax kien fil-vaganzi tal-karnival. In kontro-eżami kkonferma li l-*boundary wall* kien jinsab fi stat perikoluż ħafna u li kien anke kiteb lill-*Maintenance Section* tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni ġo Għawdex biex jirranġawh immedjatament għax kien tmejjel. Ikkonferma li l-*boundary wall* jifforma parti mill-*boundary wall* tal-ġnien u li l-ġnien huwa parti mill-iskola. Ikkonferma wkoll li apparti l-ispustjar tal-ħamrija, ma sar xejn iżjed. Għad-domanda jekk qattx irriżultalu li bdew iwaqqgħu xi ħitan tal-*grounds* tal-iskola biex forsi jagħtu aċċess lil xi ħadd li għandu għalqa wara l-iskola, wieġeb fin-negattiv.

Fil-kawża odjerna xehed ukoll ċertu **Coronato Calleja** (Vol. III: *a fol.* 883 *et seq.*) fejn għad-domanda x'konnessjonijiet għandu mal-eks Ministru Ġiovanna Debono, wieġeb li ilhom ħbieb ħafna. Mistoqsi dwar il-*farm* li għandu ġewwa Kerċem, spjega li l-*farm* huwa maqjel. Ġie mistoqsi diversi domandi dwar l-aċċess għal dan il-*farm* u filwaqt li qal li sar jaf li kien ser isir xi proġett, spjega li kellhom problemi dwar dan l-aċċess u li kien mar ikellem lill-imputat u talbu jagħmillu pjaċir għaliex kellu parti li ma setgħax jidħol fiha u li l-imputat qallu li jekk ikunu jistgħu jirranġaw. Jixhed: *"Ilni ma nidħol għaliha ħafna u wara li kellimtu issa ilni ma nidħol ħafna m'ilux. Bdejt nidħol ġo fiha"* (Vol. III: *a fol.* 888). Għad-domanda: *"Allura l-aċċess kif kellu jingħata, minn fejn kellu jingħata?"* (Vol. III: *a fol.* 890), wieġeb: *"Minn ta' ħuha propja għax missierha minn hemm kien jgħaddi"* (Vol. III: *a fol.* 890). Għad-domanda sa fejn kien ħa jagħti l-aċċess, wieġeb: *"L-*

*aċċess kien ħa jagħti sal-grawnd. Imbagħad passaġġ li nidħol jiena"* (Vol. III: *a fol.* 891).

In kontro-eżami meta Coronato Calleja ġie mistoqsi jgħid kemm ilu jieħu l-aċċess, wieġeb madwar sena u kkonferma li sas-sena 2013 kien għadu mingħajr aċċess. Ikkonferma li l-Ministru Debono baqgħet ma qdietux.

L-uffiċjal tal-Lands Department **Malcolm Scerri** qal hekk: *"Is-Supretendent talabni niċċekkja żewġ proprjeta', waħda minnhom l-iskola u l-oħra proprjeta' biswit l-iskola. Jidher illi l-iskola hija proprjeta' tal-Gvern u l-parti l-ħadra hija reġistrata l-Land Registry f'isem Antonia Calleja, jiġifieri mhix proprjeta' tal-Gvern"* (Vol. III: *a fol.* 719). Eżebixxa dokument li ġie mmarkat bħala Dok. "MS 14" (Vol. III: *a fol.* 751 *et seq.*).

Illi waqt l-**aċċess** li sar fuq il-post fit-18 ta' Mejju 2016 (Vol. III: *a fol.* 1009 *et seq.*), il-Qorti setgħet tinnota illi mill-entratura prinċipali tal-iskola ta' Kerċem sa fejn kien qed jinżamm l-aċċess minn wara l-kanċell kien hemm ħajt illi jissepara l-iskola minn mat-triq, liema ħajt jidher li kien wieħed ġdid.

**PW-B-16 Sqaq Ta' Xirfi (tan-Naħli), Kerċem**

**Joseph Cauchi** xehed li x-xogħol hawn sar fis-7 ta' Marzu 2013 u li l-imputat kien urieh ix-xogħol u qallu biex jagħmel il-konkos peress li kien hemm raġel xiħ li kien qiegħed fuq *wheelchair*, li mbagħad miet. Spjega li t-triq kienet bl-*asphalt* u li riedu jagħtuha l-konkos u huma hekk għamlu. Jgħid li t-triq ma kinitx ser issir kollha peress li l-isqaq huwa dejjaq u li setgħu jużaw trakk żgħir wieħed biss u li kien ser jaħli ħafna ħin ġej u sejjer. Għad-domanda jekk huma suppost għamlux sal-kantuniera, wieġeb: *"Aħna sal-kantuniera kien ikun kuntent l-ieħor, it-tifel l-ieħor għal missieru għax missieru kien bil-wheelchair biex joħroġ s'hawn barra. Għax fil-fatt hawn barra x'imkien għandu l-letter box, hawn ara tidher hawnhekk ara, jiġifieri sa din, tgħidli għandi letter box hawn barra ma nafx din hix privata jew dak imma din hija għal din id-dar waħda biss. M'hawn xejn iżjed. Ma jidħol ħadd iżjed ħlief dawn in-nies. Issa 'l hawn ġewwa, 'il hawn ġewwa hemm passaġġ tar-raba', fejn spiċċajna l-konkos, 'il hawnhekk hawn passaġġ tar-raba'. Imma 'l hawn ġewwa dead end, ġol-privat. Id-dar qiegħda hawnhekk"* (Vol. I: *a*

*fol.* 297). Jgħid li l-għada għamlu l-parti l-oħra. Jixhed li għal dan ix-xogħol ma nvojsjax u ma tħallasx.

Is-*Senior Technical Officer* **Malcolm Scerri** xehed hekk: *"[…h]awnhekk irriżulta li l-passaġġ in kwistjoni huwa proprjeta' tal-Gvern pero' mbagħad il-passaġġ li jagħti għall-proprjetajiet oħrajn illi m'humiex tal-Gvern"* (Vol. III: *a fol.* 719). Eżebixxa dokument in sostenn ta' dan li ġie mmarkat bħala Dok. "MS 15" (Vol. III: *a fol.* 753 *et seq.*). Spjega li fejn hemm immarkat bl-aħmar m'huwiex proprjeta' tal-Gvern, mentri fejn hemm l-isfar huwa proprjeta' tal-Gvern.

Illi waqt l-**aċċess** li sar fuq il-post fit-18 ta' Mejju 2016 (Vol. III: *a fol.* 1011), id-difiża rrilevat li hawn si tratta ta' triq pubblika li tinsab fost ir-raba'. Il-Qorti nnutat li l-aċċess għal din it-trejqa kien wieħed liberu u ma kien hemm l-ebda xkiel u li l-akwati jinsabu fir-raba'.

**PW-B-17 Various Country Lanes In Għadira Ta' Sarraflu, Kerċem**

Meta **Joseph Cauchi** ġie mistoqsi x'għandu xi jgħid dwar dan, wieġeb: *"Din għamilna parti minnha aħna u parti minnha qalilna tagħmluhiex"* (Vol. I: *a fol.* 299). Jispjega li t-triq hija twila ħafna. Għad-domanda kemm-il darba għamilha din il-biċċa xogħol li ħadem hu, wieġeb: *"Din hawnhekk m'għandix knowledge, ma nistax nirrispondiha sewwa l-mistoqsija, kemm-il darba. Xi jfisser kemm-il darba għamiltha?"* (Vol. I: *a fol.* 299). Aktar tard jixhed: *"Jista' jkun għamiltha kollha jiena u jista' għamilt biċċiet minnha. Imma ftakru li ma kontx immur jiena, kien hemm ħaddieħor min kien imurlu"* (Vol. I: *a fol.* 301).

**Malcolm Scerri** mit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern xehed is-segwenti: *"[…j]idher mir-riċerka li għamilt illi dawn il-country lanes huma kollha proprjetajiet tal-Gvern"* (Vol. III: *a fol.* 719). Eżebixxa dokument li ġie mmarkat bħala Dok. "MS 16" (Vol. III: *a fol.* 755 *et seq.*).

Illi meta nżamm l-**aċċess** fuq il-post fit-18 ta' Mejju 2016 (Vol. III: *a fol.* 1012), il-Qorti nnutat li l-aċċess għal dan il-lok kien wieħed liberu.

**<u>PW-B-18 Concrete Path Leading To Fuq Ir-Riħ Tad-Dwejra</u>**

**Joseph Cauchi** xehed li x-xogħol li sar fuq din it-triq sar fuq struzzjonijiet tal-imputat u jgħid ukoll li x-xogħol sar f'biċċiet. Jixhed li t-triq hija twila mal-mitejn metru u jgħid: *"Li bdejna minn hawnhekk u dħalna sa parti minnha sa fejn qalilna hu għal dawn li għandhom ir-raba' hawn barra u waqafna s'hemmhekk"* (Vol. I: *a fol.* 302). Ma jafx meta sar dan ix-xogħol u jgħid li ma nvojsja lil ħadd.

L-uffiċjal tal-*Lands Department* **Malcolm Scerri** xehed li ma ġiex imqabbad biex jiċċekkja fuq din.

Illi mill-**aċċess** li nżamm fuq il-post fit-18 ta' Mejju 2016 (Vol. III: *a fol.* 1013), il-Qorti nnutat illi l-aċċess għal dan il-passaġġ tal-*concrete* kien wieħed liberu u li ma kien hemm l-ebda impediment biex sar. Irriżulta wkoll li fuq iż-żewġ naħat tal-passaġġ jidher li hemm raba' li jidher kienet maħduma. Il-Qorti nnutat ukoll li l-passaġġ ma jwassal għall-imkien pero' jagħti għal fuq l-irdumijiet ta' maġenb id-Dwejra.

**<u>PW-B-19 David (Tal-Lingi) Portelli Farmhouse</u>**

**Joseph Cauchi** xehed li fuq il-post in kwistjoni ħadu l-imputat u fehmu x'ried jagħmel. Jixhed li nqala' l-ħajt kollu tal-*boundary wall* li kien ġebel ħażin u li għamlu l-*excavation*. Spjega li t-terrapien ħallewh kollu hemmhekk u tal-*wine* cellar ġarrewh għax kien blat. Jixhed: *"Qlajnielu dak il-ħajt, tfajnih ġol-għalqa tagħhom, ħallejnih hemm. Min bnih illum kif inhu preżenti fuq ir-ritratti ma nafx, hux il-ħaddiema tal-Gvern jew ħaddiema li qabbduhom huma l-Brookies, u l-ġebel forsi użaw parti minnu u l-ieħor dak, għax il-ġebel jidher li huwa biċċa minnu ġabuh minn banda oħra"* (Vol. I: *a fol.* 304). Jixhed li ma ġie nvojsjat ħadd.

Illi **David Portelli** (Vol. V: *a fol.* 1748 *et seq.*) xehed f'dawn il-proċeduri u meta ġie mistoqsi jgħid jekk hu jew il-familja tiegħu għandhomx xi laqam, wieġeb 'tal-Lingi'. Ġie mur ritratti tar-residenza tiegħu f'Triq ta' Fur Għar Ilma, Santa Luċija limiti ta' Kerċem u jgħid li l-Pulizija kellmuh fuq ħajt li huwa parti mill-ġnien tiegħu u li jmiss mat-triq. Jgħid li hemm bejn wieħed u ieħor sular. Spjega li għadu jilmenta kuljum fuq it-triq li jgħid li hija pubblika u

jilmenta peress li hija diżastru. Mistoqsi jgħid min għamel il-ħajt, jgħid li hu (David Portelli) qabbad lil Frank Excavations fis-sena 2004 u 2005. Ippreżenta żewġ riċevuti li ġew immarkati bħala Dok. "DP 1" (*a fol.* 1769) u Dok. "DP 2" (*a fol.* 1770). Ikkonferma li hu ġie mistoqsi fuq hekk meta irrilaxxa stqarrija lill-Pulizija u qal li fl-istqarrija wieġeb bl-istess mod li wieġeb il-Qorti. Jghid li x-xogħol ta' tħammil għamlu hu (David Portelli) u li Joseph Cauchi qatt ma għamillu xi xogħlijiet.

Min naħa tiegħu, **Malcolm Scerri** mit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern xehed li t-triq biswit din il-proprjeta' hija kollha proprjeta' tal-Gvern (Vol. III: *a* 720). Eżebixxa dokument in sostenn ta' dan li ġie mmarkat bħala Dok. "MS 17" (Vol. III: *a fol.* 757 *et seq.*).

Illi waqt l-**aċċess** li sar fuq il-post fit-18 ta' Mejju 2016 (Vol. III: *a fol.* 1014 *et seq.*) ġie nnutat li l-ħajt tas-sejjieħ in kwistjoni jibqa' sejjer ukoll fuq iż-żewġ naħat tal-fetħa minn fejn jistgħu jidħlu l-vetturi fil-parkeġġ tal-*farmhouse*. Id-difiża rrilevat d-diżlivell illi jeżisti bejn il-*farmhouse* u t-triq illi hemm biswitha. Il-Qorti kkonstatat dan.

**<u>PW-B-20 Brookies Restaurant, Victoria</u>**

**Joseph Cauchi** xehed li filwaqt li llum ma jeżisti xejn, xehed ukoll li l-imputat u hu marru fis-sena 2005. Spjega: *"Morna u qlajna l-faċċata tat-terrace li kellhom u ħammilna wine cellar taħt it-terrace. Kulma għamilna hemmhekk biss huwa li għamilna t-taħmil tagħha. Fil-fatt tidher, ħaddiem b'erba' vjaġġi u ħaddiem b'vjaġġ. U l-excavator biss. Excavation"* (Vol. I: *a fol.* 305). Jgħid li ġie mqabbad mill-imputat u mistoqsi min kien hemm aktar magħhom fuq il-post, wieġeb li ma jiftakarx jekk ċertu Roger kienx hemm, li jgħid li huwa mejjet. Mistoqsi jgħid jekk tagħmel ix-xogħol tridx tidħol ġol-Brookies, wieġeb fin-negattiv. Fir-rigward tal-*wine cellar* li ġie mħaffer, mistoqsi jgħid jekk niżilx sular, wieġeb: *"Ma nafx is-sular tiegħek kemm hu. Wine cellar, wine cellar ma tkunx iżjed minn disa' filati"* (Vol. I: *a fol.* 307). Għad-domanda jekk l-imputat qallux għalfejn kellha ssir din il-biċċa xogħol, wieġeb: *"Le, Anthony Debono qalli, mur irranġalu li għandu bżonn dan eh. Dejjem l-istess ħaġa kien jgħidli hu"* (Vol. I: *a fol.* 307). Jixhed li qatt ma bbillja lil tal-Brookies.

Da parte tiegħu, **David Portelli** (Vol. V: *a fol.* 1748 *et seq.*) xehed li bħala familja kellhom ir-*restaurant* Brookies. Mistoqsi jgħid jekk kellomx xi problema partikolari, wieġeb li kellhom problema tal-ilma peress li kien jimtela' bl-ilma li kien jiġi mit-triq u li kien qed jagħmel il-ħsara. Jgħid li l-ilma kien jagħmel ħsara ġol-kamra tal-*generator* li tinsab mat-terrazzin fuq it-triq, liema *generator* jgħid kien ġo bir. Spjega li l-ilma kien jiġi mit-triq ta' Foreman Street u mit-triq ta' taħt is-Sur. Xehed li kellhom imorru l-Qorti minħabba t-terrazzin peress li wara li xtraw il-post kien qed jiġi allegat li t-terrazzin kien proprjeta' tal-Gvern. Spjega li rriżulta li l-bankina li kien hemm eżistenti qabel kienet ukoll parti mill-proprjeta' tagħhom u jaħseb li l-bankina saret mill-Gvern. Mistoqsi dwar ilmenti fir-rigward tal-problema tal-ilma fil-bir, jgħid li missieru kien jieħu ħsieb u li missieru m'għadux ħaj. Mistoqsi jgħid jekk il-problema ssolvietx ruħha, wieġeb li mhux mija fil-mija pero' jgħid li qalbet għall-aħjar. Ikkonferma li fil-Brookies kien hemm *wine cellar* li jgħid kien ġol-parti tal-bar tar-*restaurant*. Mistoqsi jgħid jekk dan il-*wine cellar* għandux xi ħaġa x'jaqsam mal-bir ta' fejn hemm il-*generator*, wieġeb fin-negattiv.

In <u>kontro-eżami</u> David Portelli jgħid li jaf lil Joseph Cauchi u jgħid li huwa ħabib ta' ħabib u li bħala kuntatt miegħu kellu *"forsi darbtejn"* (Vol. V: *a fol.* 1758) f'ħajtu. Mistoqsi jgħid jafx jekk Cauchi jew xi ħadd minn tal-familja tiegħu jew mill-kumpanija tiegħu għamlux xi xogħol fil-Brookies, wieġeb: *"No, li naf bih jien le"* (Vol. V: *a fol.* 1758). In <u>ri-eżami</u> kkonferma li l-*wine cellar* tal-Brookies jinsab ġo għar fil-binja. Għad-domanda jekk kienx hemm bżonn xi xogħol ieħor ġol-*wine cellar* ħlief għal dak li semma, wieġeb: *"No, no, kisi l-air conditioning u l-bieb. That is all"* (Vol. V: *a fol.* 1760). Jgħid li x-xogħol irid isir minn ġewwa peress li l-*wine cellar* jinsab fuq ġewwa.

**Malcolm Scerri** mit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern xehed li ngħata struzzjoni biex ma jagħmilx riċerka fuq din il-kwistjoni.

Illi fir-rigward ta' **aċċess** fuq dan il-post, il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li ma kienx hemm għafejn isir aċċess tal-lok *stante* li s-sid tal-Brookies tbiddel minn dak iż-żmien li allegatament sar ix-xogħol

u li *stante* li sar xi xogħol addizzjonali mis-sid il-ġdid fuq ix-xogħol li allegatament sar minn Cauchi (Vol. III: *a fol.* 1015).

**PW-B-21 Alley In Triq Tas-Sellum, Xagħra**

**Joseph Cauchi** xehed li fi Frar 2013 kien mar fuq il-post mal-imputat, jaf li kienet ix-xita, daħlu fit-triq fejn kien hemm ħafna ċaflis u tajn, u li t-tappieri tad-dranaġġ kienu għoljin. Spjega li fis-6 ta' Marzu 2013 ġabu l-konkos mal-ewwel u qabdu u għattew kollox u taw il-konkos u li bdew minn mad-dar u ħarġu sa barra tat-triq kollha. Għad-domanda għalfejn l-imputat ried jagħmel din it-triq, wieġeb: *"Lili qatt ma kien jgħidli kollox x'irid jagħmel hu. Jien xogħli x'irid hu, mhux għal min irid jagħmilha u għalxiex irid jagħmilha. Qalli bħal tal-Fontana, dik qalli għaliex irrid nagħmluha malajr u għamilniha imma din – "* (Vol. I: *a fol.* 309). Jgħid li ma qallux għaliex. Għad-domanda jekk qattx issemma' xi lqugħ għall-ilma, wieġeb fin-negattiv. Ma jafx ta' min hi din it-triq. Jgħid li jaf wieħed mis-sidien fit-triq u li kien mar hemm meta kienu qed jagħtu l-konkos u mistoqsi x'qallu, wieġeb: *"Dik iva, dan inzerta huwa daqsxejn miksur ma' tal-faċċata. U bdew iparlaw fil-vojt, insomma għidtilhom, isma', ħalluna ħa naħdmu, morru għall-ġenb, għidtilhom aħna m'għandniex x'naqsmu mal-problemi tagħkom. Għidtilhom, ejja neħilsu din it-triq. Dan wieħed mix-Xagħra. Ġie hemmhekk."* (Vol. I: *a fol.* 310). Jgħid li beda jgħidlu kontra tal-faċċata u li hemm familja waħda biss.

Meta **Annette Zammit** (Vol. III: *a fol.* 647 *et seq.*) ġiet mitluba tixhed f'dawn il-proċeduri u ġiet mistoqsija tgħid fuq ġiex ġiet mitkellma mill-Pulizija, hija wieġbet: li għandhom post is-Sellum tax-Xagħra u li ġiet mitkellma fuq *"il-biċċa ta' quddiem minħabba xi konkos, xi conrete"* (Vol. III: *a fol.* 647). Tgħid li l-parti fejn sar il-konkos hija ta' Carmel Bajada u tgħid li hija għalqa u għad-domanda jekk fejn sar il-konkos hijiex parti mill-għalqa, wieġbet fl-affermattiv u qalet: *"Passaġġ. Kien passaġġ"* (Vol. III: *a fol.* 648). Għad-domanda x'talbiet saru minn naħa tagħhom jew minn naħa ta' Bajada jew minn ħaddieħor biex issir din it-triq, wieġbet: *"Minn naħa tagħna xejn. Minn naħa tiegħi xejn, ħija mhux hawn, jiġifieri minn naħa tiegħi xejn. Aħna kulma tlabna, darba mar ir-raġel u sab il-biċċa ta' quddiem, għax kienet trab, mibruxa, u stennejna lil Bajada. U qalilna ħa jagħtuh il-konkos. Staqsejna lil Bajada nistgħux ngħaddu l-katusi għax aħna hemmhekk ma għandniex drenaġġ u ħa nagħmlu fossa fit-triq. Qalilna:*

*"Iva tistgħu". U ċempilna lill-kuntrattur A & D Mintoff, qalilna x'għandna bżonn, katusi u biex inkellmu lid-Dipartiment tad-Drenaġġ minħabba xi tappieri, ġibna l-affarijiet"* (Vol. III: *a fol.* 648). Għad-domanda: *"Min ipprovdihom l-affarijiet? Mhux it-tappieri"* (Vol. III: *a fol.* 648), wieġbet: *"It-tappieri tawhomlna. L-oħrajn xtrajnihom u għandi r-receipts jiġifieri"* (Vol. III: *a fol.* 648). Tgħid li x-xogħol sar u li wara mar ir-raġel u sab il-*concrete* lest. Tgħid li ma tafx min għamlu.

In <u>kontro-eżami</u> Annette Żammit tikkonferma li t-triq hija passaġġ li jagħti għar-raba' li tinħadem. Tgħid li hemm diversi sidien ta' din ir-raba'. Fir-rigward tad-drenaġġ tikkonferma li kienu applikaw mal-MEPA biex jinħarġu l-permessi. Ikkonfermat ukolll li għaddew il-pajpijiet minn ġod-dar tagħhom għal barra.

Fir-rigward tal-proprjeta' in eżami xehed ukoll **Carmelo Bajada** (Vol. IV: *a fol.* 1067 *et seq.*) li għażel li jixhed minkejja li ġew intavolati kontra tiegħu proċeduri kriminali u b'hekk seta' jinkrimina ruhu. Huwa li xehed li għandu r-raba' li tinsab taħt iċ-ċimiterju tax-Xagħra fiż-żona li jgħidulha tas-Sellum. Spjega kif ir-raba' nqasmet matul iż-żminijiet u li skont il-kuntratti saru l-mogħdijiet u l-passaġġi u li qabel ma tidħol għall-għalqa hemm mogħdija li jgħidulha 'sqaq'. Spjega fuq il-problema dwar ħajt għoli ħdax-il filata, liema ħajt li jinsab fuq in-naħa tax-xellug int u dieħel u li fuq in-naħa tal-lemin l-ħajt huwa ta' sitt filati u qed iżomm it-trab tal-għalqa tagħhom. Jixhed li l-ħajt tan-naħa tax-xellug qed iżomm ir-raba' tal-għalqa tal-ħajt tal-Gvern u jispjega x'kien jisma' lill-missieru jgħid dwar dak li jiġri meta tagħmel ħafna xita fejn l-ilma jispiċċa kollu ġol-isqaq. Spjega wkoll x'kien jiġri meta kien imur impjegat tal-*Public Works*. Jgħid: *"xi ħaġa fuq l-eighty (80)"* (Vol. IV: *a fol.* 1069) l-ilma mbotta l-ħajt u li anke xi żmien wara reġa waqa' u reġa' ġie mibni mill-Gvern. Jgħid ukoll: *"U dejjem jaqa' l-blat, u dejjem barra l-blat u l-ġebel li jaqa', u jiġi jneħħuh kienu wkoll tal-Gvern"* (Vol. IV: *a fol.* 1069).

Bajjada kkonferma li hu kien mar is-CMU jew il-*Public Works* fejn spjega lill-imputat li l-ħajt kien imwaqqa' peress li kien mar ħafna ilma u l-ilma kollu spiċċa ġol-isqaq. Jixhed li wara l-imputat kien qallu li kien mar fuq il-post u spjega x'qallu u li diversi xhur wara

darba minnhom mar u sab tar-*ready mix* li kienu qed jagħmlu lis-sqaq bil-konkos. Speċifika li x-xogħol kien qed jagħmlu Joseph Cauchi. Jixhed li meta staqsa lill-ħaddiema min kien bagħthom, Cauchi kien qallu: *"Bagħatni Toni. Il-konkos bagħtu Toni"* (Vol. IV: *a fol.* 1073). Jixhed li saret it-triq u fir-rigward il-problema tal-ħajt, jgħid li din baqgħet hemm. Għad-domanda: *"Jiġifieri inti mort biex issolvi l-problema tal-ħajt. U minflok il-problema tal-ħajt, jekk fhimtek sew, saret it-triq?"* (Vol. IV: *a fol.* 1074), wieġeb: *"Imma jien għidltu wkoll li għamel il-ħsara, għax l-ilma jispiċċa kollu ġol-isqaq"* (Vol. IV: *a fol.* 1074). Mistoqsi jgħid ta' min hu dan l-isqaq, jekk hux tal-Gvern jew jekk hux tagħhom, wieġeb: *"Le, tagħna, tagħna. Tagħna. L-isqaq maqtugħ minn, minn meta xtara n-nannu maqtugħ minnu"* (Vol. IV: *a fol.* 1074). Mistoqsi jgħid jekk l-isqaq jagħtix għal x'imkien, wieġeb li jagħti biex dejjem tidħol għal raba' iżjed 'il ġewwa u għal ġor-razzett li hemm. Mistoqsi wkoll jgħid min ħallas għax-xogħol li sar fit-triq, wieġeb li hu ma ħallasx. Carmelo Bajada spjega x'ingħad bejnu u s-sekonda kuġina tiegħu Annette Żammit li kienet qaltlu li riedet tgħaddi d-drenaġġ. Jgħid li hu ma kellu x'jaqsam xejn max-xogħol tad-drenaġġ.

In <u>kontro-eżami</u> mistoqsi jgħid jekk dan l-isqaq jiffidjax kemm ir-raba' tiegħu, kemm ir-raba' ta' nies li jiġu minnu, kemm ir-raba' ta' nies oħra u li jibqa' dieħel 'il ġewwa, wieġeb: *"Iva, u lir-raba' tal-Gvern. Ta' fuq"* (Vol. IV: *a fol.* 1077). Aktar tard jgħid ukoll: *"Jiġifieri hemm ħafna aħwa li jridu jitilgħu għalih dan ir-raba'"* (Vol. IV: *a fol.* 1077). Għad-domanda: *"Mela, ara jekk hux qed ngħid tajjeb ukoll illi din ir-raba' allura li qiegħda iżjed għolja minnkom allura dan il-passaġġ li qatgħu kienet tinħoloq problema. Din ir-raba' tal-Gvern li hija iżjed għolja, bix-xita u meta wkoll isaqqu, ngħid tajjeb illi kien jinżel l-ilma għal ġo dan il-passaġġ?"* (Vol. IV: *a fol.* 1079), wieġeb: *"Iva, għandi, hemmhekk hemm ritratt. Fl-eqqel tas-sajf, f'Ġunju, fl-aħħar ta' Ġunju, l-ilma ħiereg minn ġo fih. U għalkemm ġie sewwa l-konkos, irid isir xi ħaġa oħra biex l-ilma jgħaddi mal-ġenb kemm jista' jkun għax ma tkunx tista' tidħol, lanqas b'saqajk, għax irabbi l-ħass u ma tkunx tista' tidħol"* (Vol. IV: *a fol.* 1070). Spjega li kien hemm problema ta' tajn u kkonferma li minn żmien missieru, li kien se jagħlaq wieħed u disgħin sena, *"kienu jippruvaw jirranġaw kienu jidħlu karettuni tal-Gvern u tal-Public Works"* (Vol. IV: *a fol.* 1083).

Da parte tiegħu, is-*Senior Technical Officer* **Malcolm Scerri** xehed is-segwenti: *"Issa, jidher hawnhekk skont riċerka li għamilt jidher li l-proprjetajiet huma maqsumim fejn hu tal-Gvern u fejn hu le. Pero' għandi indikat fil-pjanta bil-legend b'ritratti mill-ajru u le"* (Vol. III: *a fol.* 720). Eżebixxa dokument li ġie mmarkat bħala Dok. "MS 18" (Vol. III: *a fol.* 759 *et seq.*).

Illi waqt l-**aċċess** li sar fuq il-post fis-6 ta' Lulju 2016 (Vol. III: *a fol.* 1033 *et seq.*), id-difiża rrilevat illi l-aċċess kien qed isir fi trejqa b'aċċess liberu u li tibqa' sejra tagħti aċċess għall-għelieqi. Il-Qorti setgħet tinnota dak li ġie osservat mid-difiża li minkejja li l-aċċess kien qed isir f'Lulju kien hemm l-ilma fuq in-naħa ta' barra fit-trejqa u ċioé fuq in-naħa tax-xellug tat-trejqa wara li tkun dħalt mit-triq prinċipali. Il-Prosekuzzjoni ġibdet l-attenzjoni tal-Qorti li mill-blat 'il ġewwa proprju fit-trejqa hija art privata u li l-art kollha hija mhux biss art passaġġuża għal kull bidwi imma jaslu biss għal żewġ familji. Id-difiża rrilevat illi l-ħajt fuq in-naħa tax-xellug int u dieħel fit-trejqa huwa aktar ogħla mis-sqaq. Il-Qorti kkonfermat dan.

**PW-B-22 Water Reservoir in Sqaq ta' Ħatar, Qala**

**Joseph Cauchi** xehed: *"Dan hawnhekk wieħed jismu George, jien għalija mniżżel George Nadur ġibju. George jaħdem mas-CMU u xi ħadd qabli mar beda jagħmillu bħal speċi ġibjun. Issa dan ix-xi ħadd ma nafx ittendiex li mhux ħa jitħallas jew xi ħaġa, xi ħaġa ġara, ma nafx x'ġara. Toni sabni qalli, Joe, mur hinni ħalli neħles minnu dan. Dan kien niftakar mort is-CMU, ġie hu miegħi u mort jien hemmhekk in-Nadur ma' dan ir-raġel George"* (Vol. I: *a fol.* 310). Mistoqsi meta, wieġeb f'Marzu 2005. Jixhed ukoll: *"Dak morna hemmhekk, sibna bħal speċi tip ta' xi ħaġa mħaffra bla ma kinitx tagħmel wisq sens u aħna għamilnihielu kif ried hu, ħaffirnihulu"* (Vol. I: *a fol.* 311).

Fir-rigward tal-proprjeta' in eżami xehed **George Victor Vella** (Vol. IV: *a fol.* 1174 *et seq.*) li għażel li jixhed minkejja li ġew intavolati kontra tiegħu proċeduri kriminali u b'hekk seta' jinkrimina ruħu. Vella spjega li t-triq tal-Qala għandu r-raba' u jixhed: *"[K]ien hemm passaġġ kienu għamluh siment u laqqat l-ilma jien"* (Vol. IV: *a fol.* 1175). Jgħid li l-post jgħidlu 'ta' Ħatar'. Jixhed li kien hemm triq li għamlulha l-konkos u li l-għalqa tiegħu hija l-aħħar waħda u biex

jilqa' l-ilma tax-xita għamel ġiebja. Mistoqsi jgħid min għamel din il-ġiebja u min ħallas għax-xogħol, wieġeb li hu ħalla kollox f'idejn l-imputat u mistoqsi jgħid min kien għamel ix-xogħol, wieġeb li għamluh in-nies tal-Gvern pero' ma jafx min eżatt u jgħid li għamluh madwar għaxar snin qabel. Mistoqsi jgħid x'għamel hu biex saret il-ġiebja, jgħid li kellem lill-imputat.

In kontro-eżami George Victor Vella kkonferma li l-għalqa ilha għand il-familja tiegħu għal żmien twil tant li anke missieru kien jaħdimha. Mistoqsi jaqbilx li l-għalqa m'hijiex tagħhom pero' kienet tal-*Joint Office* u mbagħad saret tal-Gvern, wieġeb fl-affermattiv. Ikkonferma li hija l-aħħar għalqa fl-isqaq u kkonferma wkoll li l-Gvern kien qed jagħti l-konkos fuq l-isqaq jew kien ser jagħti l-konkos u li dan kien qed isir fi żmien li missieru kien għadu ħaj. Jixhed li missieru ilu mejjet madwar ħdax-il sena u li missieru kien qiegħed jinkwieta illi din it-triq kienet ser iġġib magħha problema ta' ilma fl-għalqa tal-Gvern in kwistjoni u li l-ġiebja nbniet biex l-ilma tax-xita flok tagħmel ħsara fl-għelieqi, tidħol dritt fil-ġiebja. Ikkonferma li wara l-għalqa in kwistjoni hemm għelieqi oħra. Jixhed li hu biss jieħu mill-ilma tal-ġiebja u li l-ġiebja saret wara li tlesta l-isqaq bil-konkos. Jgħid li hemm żewġt iġwiebi: waħda kbira u waħda zgħira u mistoqsi in ri-eżami f'liema żmien saru, wieġeb li saru fi żmien sena.

**Malcolm Scerri** mit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern xehed hekk: *"Dan jidher dan l-isqaq, hawn sqaq li jwassal għal għalqa fejn hemm ir-reservoir hu kemm il-passaġġ u kemm l-għalqa hija proprjeta' tal-Gvern amministrata mill-Uffiċċju Konġunt"* (Vol. III: *a fol.* 720). Eżebixxa dokument in sostenn ta' dan li ġie mmarkat bħala Dok. "MS 19" (*a fol.* 761 *et seq.*).

Illi mill-**aċċess** li sar fuq il-post fis-6 ta' Lulju 2016 (Vol. III: *a fol.* 1035 *et seq.*), id-difiża nnutat, fost l-oħrajn, li kien hemm sqaq tawwali li jagħti aċċess għal diversi għelieqi kemm fuq il-lemin kif ukoll fuq ix-xellug u li l-isqaq mhux biss it-tarf tiegħu huwa *dead end* u jispiċċa ma' din l-għalqa partikolari iżda kien hemm diżlivell naturali fl-istess sqaq, liema diżlivell jeħdok proprju fid-direzzjoni tal-*gate* li minnha tidħol għal għalqa. Id-difiża nnutat ukoll li proprju qabel

ma tidħol mill-*gate* biex tidħol għal għalqa kien hemm grada sabiex l-ilma li jkun ġej minn hemm jidħol minn taħtha u jibqa' sejjer għall-ġibjun. Il-Qorti kkonstatat dan kollu.

**IKKUNSIDRAT**

**<u>Konsiderazzjonijiet legali fir-rigward tal-livell ta' prova rikjesta</u>:** Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan għaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tiegħu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, paġna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li, biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu pruvati *oltre* kull dubju raġjonevoli, ċioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid pero' mhux kull iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata, hemm bżonn li "*dubju jkun dak <u>dettat</u> mir-raġuni*".

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat <u>mir-raġuni</u> u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi <u>kollha</u>, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning** fil-każ **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Konsiderazzjonijiet legali fir-rigward ta' provi ċirkostanzjali:**
Riferenza għandha ssir għall-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 fejn ingħad is-segwenti:

"Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Għalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fiċ-ċirkostanzi u dan a bażi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti għandha tqis provi ċirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jingħad għaliex għalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Ġudikant jaċċerta ruħu li huma univoċi.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk tagħmel riferenza għall-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-ħmistax (15) ta' Ġunju, 1998 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Lee Borġ**, fejn kien ġie ritenut li provi jew indizzji ċirkostanzjali għandhom ikunu univoċi, ċioé mhux ambigwi. Għandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkużat mar-reat u ħadd iktar, anzi l-akkużat biss, li hu l-ħati u l-provi li jiġu mressqa, ikunu kompatibbli mal-preżunzjoni tal-innoċenza tiegħu. Illi għalhekk huwa mportanti fl-

isfond ta' dan il-każ li jiġi ppruvat li kien l-imputat biss li għamel dak li ġie akkużat bih u għalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment ċirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**: *"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-aħjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi preċizjoni matematika".*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex wieħed jaċċerta ruħu li huma univoċi.

**Archbold** fil-ktieb tiegħu **Criminal Practice** (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza għal dak li qal **Lord Normand** fil-każ **Teper vs. R** (1952) jgħid:

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija eżattament il-pożizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt ġiet konfermata b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgħa (9) ta' Jannar, 1998 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.

Din il-Qorti tħoss u tgħid li provi ċirkostanzjali huma bħal katina li tintrabat minn tarf għal tarf, b'sensiela ta' għoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet ta' kif seħħet il-ġrajja [...]

Għalhekk m'hemmx dubju li l-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti għal xulxin għalkemm ingħad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza jidher li l-imputati li ġew investigati *a tempo vegine* tal-investigazzjoni baqgħu konsistenti fil-verżjoni tal-fatti tagħhom sa meta xehdu l-Qorti *viva voce* minn jeddhom ħames snin wara l-inċident.

Illi għalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda u dan billi bħala Ġudikant il-Qorti għandha tqies l-imġieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi oħra tax-xhieda tiegħu u jekk ix-xhieda hiex imsaħħa minn xhieda oħra u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u dan *ai termini* tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[…]

Huwa minnu, kif ġie allegat mid-difiża, li jekk il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet konflinġenti għandha tillibera, *stante* li tali konflitt għandu jmur a benefiċċju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all*

*circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-Qorti tinnota li l-każ tal-Prosekuzzjoni jistrieħ bażikament fuq id-depożizzjoni mogħtija mill-*whistleblower* Joseph Cauchi u li kollox jiċċentra fuq it-testimonjanza tiegħu. Ovvjament il-Qorti għandha tieħu konjizzjoni wkoll ta' dak li ngħad mix-xhieda l-oħra prodotti f'dawn il-proċeduri u kif ukoll tad-diversi dokumenti ppreżentati.

Illi l-Qorti tikkondividi pjenament ma' dak sottomess mill-Prosekuzzjoni fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha (Vol. V: *a fol.* 1775 *et seq.*) meta tagħmel riferenza għall-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

> *"(2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."*

Illi l-Qorti m'hijiex ser tagħmel riferenza għall-ġurisprudenza varja li teżisti dwar il-fatt li Qorti tista' tistrieħ fuq xhud wieħed biss u li dan ix-xhud għandu jkun evalwat fil-kuntest tal-linji gwida mogħtija mill-Artikolu 637 tal-Liġijiet ta' Malta u dana *stante* li dan il-prinċipju jirriżulta assodat fis-sistema legali penali ta' pajjiżna. Apparti dan, il-Qorti żżid ukoll li minkejja li Joseph Cauchi ngħata l-istat ta' *whistleblower* tant li nħareġ ċertifikat f'dan ir-rigward fil-konfront tiegħu, xorta waħda hija l-Qorti li trid tiddeċiedi jekk dak li ngħad minnu ġiex pruvat sal-grad rikjest mil-liġi u kif inhu rikjest fil-kamp kriminali. B'hekk il-Qort trid mhux biss temmen il-verżjoni mogħtija mill-*whistleblower* Joseph Cauchi pero' trid tara wkoll jekk dak li ngħad minnu jinkwadrax sabiex il-Qorti tkun tista' ssib ħtija fl-imputat f'dak li qed jiġi akkużat bih.

Illi filwaqt li, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, il-Prosekuzzjoni ssostni s-segwenti:

*"Għalhekk, filwaqt li tagħmel riferenza għall-assjem tal-provi prodotti kif ukoll għal dak riprodott hawn fuq, il-Prosekuzzjoni bir-rispett tirrileva li temmen li laħqet il-livell ta' prova mitlub minnha fil-liġi, dak ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, u għalhekk titlob li tinstab ħtija għall-akkużi kif dedotti kontra l-imputat"* (Vol. V: *a fol.* 1798),

fis-sottomissjonijiet tagħha, id-difiża tgħid hekk:

*"hija l-umli fehma ta' din in-naħa, u dan hu l-iskop tat-trattazzjoni li se nkun qiegħed nagħmel illum, illi s-sitwazzjoni fil-verità hija bl-invers. Hija bl-invers għaliex fil-fatt ix-xhieda kollha u d-dokumenti kollha li għandna f'dan il-proċess mhux talli ma jsaħħux id-depożizzjoni ta' dan Joe Cauchi, talli jgiddbuh, talli juru bl-iżjed mod ċar illi dak li qed jgħid ma għandux mis-sewwa u ma għandu assolutament mis-sewwa xejn"* (Vol. V: *a fol.* 1801).

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-Qorti tinnota li bħala stat ta' fatt m'huwiex qiegħed jiġi kkontestat li ħafna mix-xogħol li Joseph Cauchi jgħid li għamel, fil-fatt għamlu. Minkejja li l-Qorti għandha xi riżervi tagħha dwar xi xogħol imsemmi minn Cauchi, bħal per eżempju (pero' mhux limitatament) fejn issir riferenza għal *"General view of various country roads in Żebbuġ"*, pero' l-Qorti tagħmilha ċara li f'każ li Cauchi ħaseb li bil-kawża odjerna kien ser jitħallas xi ammonti li huwa jgħid li għadu dovut, sejjer żbaljat! Il-Qorti qed tgħid dan peress li ħadet l-impressjoni li l-għan prinċipali ta' Cauchi huwa dak li jitħallas għal dak li skont hu fadallu jitħallas. Dan jirriżulta mid-depożizzjonijiet twal mogħtija minn Cauchi, kemm in eżami u kif ukoll in kontro-eżami, liema kontro-eżami ma sarx f'seduta waħda.

Illi, apparti dan, kienu diversi x-xhieda li xehdu f'dawn il-proċeduri li xehdu fuq il-fatt li Joseph Cauchi insista li jitħallas għax-xogħlijiet mwettqa minnu. Ta' min isemmi, fost l-oħrajn il-*Communications Officer* mill-Ministeru għal Għawdex **Marthese Attard** (Vol. II: *a fol.* 468 *et seq.*) u l-*Co-Ordinator* fis-Segretarjat tal-Ministeru għal Għawdex **Amity Gauċi** (Vol. II: *a fol.* 471 *et seq.*). L-imsemmija

Gauċi xehdet: *"dejjem kien qed jitlob il-flus [...]. Hu kien qed jinsisti prattikament għall-flus"* (Vol. II: *a fol.* 472). Il-Qorti ssemmi wkoll lis-Sindku **David Apap** (Vol. III: *a fol.* 862 *et seq.*) li kkonferma li Joseph Cauchi għamel kuntatt miegħu biex hu jħallsu tal-*ground* il-kbir, tal-*ground five-a-side* u tal-*platform* ġewwa l-Għarb u kkonferma li Cauchi baqa' jsostni li ma tħallasx u ppretenda l-flus minn għandu. Da parte tiegħu, meta Joseph Cauchi ġie mistoqsi jikkonferma li l-iskop li mar jitkellem ma' diversi persuni (fosthom Dr. Simon Busuttil u Dr. Chris Said) kien għax kien qed jinsisti għall-ħlas, wieġeb fl-affermattiv.

Illi ġie ppruvat mill-Prosekuzzjoni li l-imputat kien impjegat is-CMU sal-11 ta' Marzu 2013 u li kien ilu hemm mit-13 ta' Awwissu 1987 fejn kien il-*Works Department*. Dan xehditu s-*Senior Principal* fil-Ministeru għal Għawdex **Anna Maria Vella** (Vol. II: *a fol.* 394 *et seq.*) fejn meta giet mistoqsija tgħid meta l-imputat xxiftija s-CMU, wieġbet: *"M'hawn indikat meta ixxiftja s-CMU. Imma it is within the Works Department"* (Vol. II: *a fol.* 395).

<u>Illi, filwaqt li l-Qorti tagħmel riferenza għad-diversi proprjetajiet imsemmija hawn fuq u għal dak li ngħad fir-rigward ta' kull proprjeta' u li jirriżulta mill-atti proċesswali, b'mod speċjali u mhux limitament għal dak li jingħad mis-*Senior Technical Officer* fit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern Malcolm Scerri u li jinsab indikat taħt kull proprjeta' imsemmija, il-Qorti tinnota li ma tara xejn ċensurabbli fil-ħidma tal-imputat u kif allegat mill-*whistleblower* Joseph Cauchi meta ngħad minnu li x-xogħol magħmul minnu fil-proprjetajiet hawn fuq imsemmija saru fil-privat. **Ma ġie pruvat bl-ebda mod li x-xogħol li Cauchi jgħid li għamel sar f'xi proprjeta' privata**. Dan jingħad wara li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, inkluż dak li ngħad fir-rigward tat-tnejn u għoxrin post hawn fuq imsemmija, dak li ngħad mix-xhieda prodotti kif aktar 'il fuq jinsab rapportat u ta' dak li l-Qorti stess rat b'għajnejha meta saru l-aċċessi fil-postijiet in kwistjoni fil-preżenza tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża. Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni wkoll wara li ttieħdu in konsiderazzjoni s-segwenti:</u>

- Fir-Rapport Annwali dwar id-Dipartimenti tal-Gvern tas-sena 2011 (Dok. "JG 1" – Vol. I: *a fol.* 154 *et seq.*) hemm imniżżel hekk:

  > *"The main objective of the Construction and Maintenance Unit is that of rendering services in the construction and maintenance areas to the general public, voluntary organisations, and other government entities.*
  >
  > *In 2011, the CMU reconstructed retaining and boundary walls which had either collaped or else were hindering access to passage ways. [...]*
  >
  > *The CMU is also responsible for the improvement and maintenance of farm access roads, passages and ramps in fields and surrounding areas. Repair works, levelling and surfacing of passages leading to fields were given priority in order to provide access to farmers. [...]*
  >
  > *Another responsibility which falls in the remit of this Unit is the construction and carrying out of works on new pavements and ramps. Pavements, where it was technically possible, were constructed in a way to facilitate access to persons with special needs. [...]*
  >
  > *CMU rendered services to various government directorates, departments and local councils"* (Dok. "JG 1" – Vol. I: *a fol.* 161 *et seq.*).

- Ta' interess partikolari li ssir riferenza għad-depożizzjoni mogħtija minn **Mario Calleja** (Direttur Ġenerali *Operations* fil-Ministeru għal Għawdex – Vol. II: *a fol.* 390 *et seq.*) fejn meta ġie mistoqsi jgħid x'inhu x-xogħol tas-CMU, wieġeb: *"Is-CMU fil-fatt kif semmejt jiġifieri diġá semmejt illi huma manutenzjoni, semmejt il-kostruzzjonijiet tar-retaining walls, bini ta' ħitan tas-sejjieħ, kostruzzjoni ta' farm access roads"* (Vol. II: *a fol.* 392). Imbagħad jispeċifika: *"Sorry, mhux kostruzzjoni, resurfacing ta' farm access roads, ħadt żball"* (Vol. II: *a fol.* 392).

- Da parte tiegħu, **Mario Camilleri** (li jaħdem fid-Direttorat Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex – Vol. III: *a fol.* 629 *et seq.*) meta ġie mistoqsi jgħid x'tip ta' xogħol kienet tagħmel is-CMU, wieġeb: *"Din il-unit tagħmel xogħol, l-ewwel nett ma tagħmilx xi xogħol fuq xi skala kbira. L-iktar illi tagħmel huwa xogħlijiet ta' maintenance, per eżempju tagħmel maintenance fuq bankina, per eżempju kellna farm access roads ħafna minnu kienet jiġifieri tieħu ħsiebha hija li jiġifieri konna biex niffaċilitaw l-aċċess għall-bdiewa kienet tirranġa passaġġi fil-kampanja, bini ta' ħitan tas-sejjieħ u affarijiet hekk. U hemm ukoll unit illi fejn per eżempju tagħmel servizz ta' handyman. Għandha ħafna xogħlijiet, maintenance fuq grounds tal-futbol"* (Vol. III: *a fol.* 630).

- Għad-domanda li saret lill-*Principal Technical Officer* **Joseph Xiberras** li jaħdem il-*Works Branch* fi ħdan id-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fejn ġie mistoqsi: *"Li qed nistaqtik hu, x'tip ta' rapporti nfurmawk bihom jekk qattx infurmawk b'rapporti illi ħassew li kellhom jiġu jgħidulek xi ħaġa la ma kienux qed jaħdmu għalik in-nies"* (Vol. III: *a fol.* 835), wieġeb: *"Le, ifhimni, xejn partikolari, ifhimni, minflok qed jaħdmu għalija qed jaħdmu għal dan, dejjem imma fuq xogħol jiġifieri li huwa relatat li aħna obbligati li nagħmlu fis-sens jekk inhu maintenance tat-triq, jekk inhu bankina mkissra rrid nirranġawha, jekk inhu ħajt tas-sejjieħ fit-triq hemm perikolu għan-nies u hekk irridu nirranġawhom jiġifieri konna kważi xi kultant kien ikun hemm ċertu overlapping fuq l-istess xogħlijiet tagħna, qed tifhem? Dak it-tip ta' xogħlijiet"* (Vol. III: *a fol.* 835).

- Il-persuna li ħa post l-imputat Anthony Debono hekk kif spiċċa mis-CMU hu persuna oħra bl-istess isem **Anthony Debono** magħruf bħala n-Niksu (Vol. III: *a fol.* 840 *et seq.*). Meta dan Debono xehed f'dawn il-proċeduri filwaqt li qal li huwa *Manager* is-CMU u jgħid li kien ilu s-CMU minn Marzu 2013, meta ġie mistoqsi jgħid x'inhu x-xogħol tas-CMU, wieġeb: *"[...b]ħala xogħol ikollna ħafna xogħol ta' maintenance u affarijiet hekk. Jiġifieri dan ir-role tiegħi. Jiġifieri li jiena nara l-ħaddiema fejn deployed. Ikollna ħafna requests mill-customer care kemm min naħa tal-OPM, kemm minn naħa tal-Ministeru u kemm minn naħa kif ngħidu aħna tal-Kunsilli, hawn tal-NGO's u affarijiet hekk u anke*

*tad-Dipartimenti tal-Gvern jiġifieri jaqgħu taħt il-kategorija kollha ta' fejn naħdem jien"* (Vol. III: *a fol.* 841).

Fil-<u>kontro-eżami</u> tiegħu, li sar fid-19 ta' Frar 2020 (Vol. V: *a fol.* 1341 *et seq.*) Anthony Debono n-Niksu filwaqt li qal li dam is-CMU bejn Marzu 2013 u Ġunju 2019, ikkonferma li fil-kors tal-ħidma tiegħu fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bħala persuna responsabbli mis-CMU kull sena jinħareġ mill-Ministeru għal Għawdex dak li jissejjaħ r-Rapport Annwali tal-Ministeru ta' Għawdex fejn parti minn dan ir-rapport jirreferi għas-CMU.

Filwaqt li kkonferma li paġni 21 u 22 ta' Dok. "JG 4" (Rapport Annwali tal-Ministeru għal Għawdex għas-sena 2016 – Vol. V: *a fol.* 1349 *et seq.*) u paġni 50 u 51 ta' Dok. "JG 5" (Rapport Annwali iehor tal-istess Ministeru għas-sena 2018 – Vol. V: *a fol.* 1445 *et seq.*) jirrigwardaw ir-*remit* tax-xogħlijiet tas-CMU, ikkonferma li hemm vot fil-*budget* għar-rigward fondi. Mitlub jikkonferma li ħafna drabi kien ikollhom jintervjenu għax, per eżempju, jinqalgħu sitwazzjonijiet fejn ħitan jew ħitan ta' lqugħ (ċioé *retaining walls*) jew waqgħu jew kienu fi stat perikoluż, wieġeb fl-affermattiv. Mitlub jikkonferma jekk *retaining walls* huwa meta jkollok ħajt illi per eżempju warajh hemm ir-raba' u qed iżomm lil dik ir-raba', wieġeb ukoll fl-affermattiv. Jixhed li l-aktar *requests* ikunu meta r-*retaining wall* ikun waqa' u mistoqsi jgħid ukoll jekk ikunx hemm *requests* f'każ ta' ħajt fi stat perikoluż, wieġeb li huma jużaw il-periti u f'każ li jkunu jistgħu jagħmluh huma (s-CMU), jgħidilhom il-Perit (lis-CMU) x'għandhom jagħmlu u ma jagħmlux.

- **Joseph Portelli** (uffiċjal fil-*Procurement Unit* fil-Ministeru għal Għawdex (Vol. III: *a fol.* 843 *et seq.*) jispjega li kien Direttur tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp mis-sena 1996 sas-sena 2015. Mistoqsi dwar kif kien ix-xogħol relatat mas-CMU, wieġeb: *"Fil-każ tas-CMU kien ikun hemm xogħlijiet li kont inkun tajt l-istruzzjonijiet jiena fuqhom pero' kien ikun hemm ħafna xogħlijiet illi kien ikun ħa istruzzjonijiet Tony Debono u kien imexxi x-xogħol hu. Jiġifieri meta kont nagħti istruzzjonijiet jien lis-Sur Debono kien*

*imbagħad jeżegwihom u f'każijiet oħra meta ma kontx inkun tajt l-istruzzjonijiet jiena kien ikun qed imexxi hu"* (Vol. III: *a fol.* 844).

Mistoqsi dwar ir-rwol tas-CMU, Portelli wieġeb: *"Is-CMU prinċiparjament kien jagħmel xogħlijiet ta' passaġġi fir-raba', tiswijiet ta' ħitan tas-sejjieħ u diversi xogħlijiet oħra li m'humiex proġetti kbar għax proġetti kbar kien jagħmilhom il-Public Works"* (Vol. III: *a fol.* 845). Mistoqsi dwar kif joħroġ il-*period contract*, wieġeb: *"Period contract joħroġ, toħroġ tender bejn wieħed u ieħor darba fis-sena u mbagħad kull min, kull fergħa, meta ngħid fergħa per eżempju s-CMU hija fergħa, il-Public Works hija fergħa, kull sezzjoni illi jkollhom bżonn materjal jagħmlu requisition għall-materjal u l-kuntrattur li jforni l-materjal imbagħad jissuplixxih fuq il-post"* (Vol. III: *a fol.* 847). Spjega li kien qed jixhed fil-każ ta' *concrete*. Spjega wkoll x'ikun hemm bżonn dwar siment.

Meta Joseph Portelli ġie mistoqsi jgħid jekk qattx fil-kors tal-impieg tiegħu kienx hemm xi ħaġa li ma qabilx magħha fuq ix-xogħol li kien jagħmel l-imputat, wieġeb li kien jidhirlu li kull xogħol kellu jgħaddi għall-approvazzjoni tiegħu (ta' Portelli) qabel jiġi implimentat. Jixhed li minkejja li kien qal lill-imputat li x-xogħol għandu jkun approvat minnu bħala direttur, *"qisu baqa' għaddej bl-istess mod"* (Vol. III: *a fol.* 854). Jixhed ukoll li kien kellem anke lill-eks Ministru Giovanna Debono u ġibdilha l-attenzjoni li kull xogħol għandu jkun approvat minn naħa tad-direttorat u li l-Ministru qaltlu li x-xogħol li jkun qed jagħmel l-imputat kellu l-*clearance* tagħha.

In <u>kontro-eżami</u> mistoqsi jgħid jekk fil-*work description* tiegħu, l-imputat *"has to manage the CMU [...] to assign duty to employees"* (Vol. III: *a fol.* 859), wieġeb fl-affermattiv. Jixhed li lill-imputat kien jafdah bħala uffiċjal inkarigat minn unit u li qatt ma kellu raġuni għalfejn jaħseb ħażin fl-imputat.

In <u>kontro-eżami</u>, li tkompla fis-seduta tas-6 ta' April 2015, għad-domanda: *"Semmejt il-kwistjoni tas-Sur Xiberras illi kien allura l-Head, it-Technical Head tal-Works Department. U spjegaltilna l-kwistjoni illi forsi qallek illi Debono seta' ħadlu xi ħaddiema. Spjegajtilna wkoll pero' illi int ma ħadt l-ebda passi fuqha din. Fil-*

*fatt, ngħid tajjeb illi kien hemm overlapping bejn il-Public Works u bejn is-CMU?"* (Vol. III: *a fol.* 945), wieġeb: *"Hemm xogħlijiet, kien hemm xogħlijiet illi jkunu overlapping. Jiġifieri per eżempju, jien naf, jekk inhu l-Public Works kellu sezzjoni illi jagħmlu xogħlijiet fit-toroq, per eżempju bankini, l-areas tal-Kunsilli Lokali, eċċetra, jiġifieri – "* (Vol. III: *a fol.* 945).

- Da parte tiegħu **George Paċe** (skrivan fil-*Construction and Maintenance Unit* jew *Projects and Developments* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex) (Vol. II: *a fol.* 476 *et seq.*) xehed fuq l-istess linji t'hawn fuq fir-rigward tar-*remit* tas-CMU.

- Meta tkompla l-kontro-eżami ta' **David Apap** fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2020 (Vol. V: *a fol.* 1558 *et seq.*) filwaqt li huwa qal li għadu jifforma parti mill-Kunsill Lokali tal-Għarb u li jgħid li għadu Sindku tal-lokal, meta ġie mistoqsi jgħid jekk mis-sena 2016 sal-ġurnata li xehed kienx hemm xi tibdil f'dak li huwa proċess ta' kif jiġu ffinanzjati x-xogħlijiet li jsiru fil-lokalitajiet differenti, wiegeb fin-negattiv fejn spjega li ssir *requisition* lill-Ministeru u l-Ministeru jqassam ix-xogħlijiet skont l-eżiġenzi tiegħu u jibgħathom għand liema dipartiment jeħtieġ hu.

- B'żieda ma' dak li qal is-*Senior Technical Officer* mit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern **Malcolm Scerri** għal kull proprjeta' kif imsemmi aktar 'l fuq, il-Qorti tinnota li fid-depożizzjoni tiegħu Scerri qal: *"Joint Office hi l-istess hija proprjeta' tal-Gvern"* (Vol. III: *a fol.* 724).

  Għad-domanda in kontro-eżami: *"Inti lanqas inti konxju mill-fatt per eżempju illi jekk inti għandek proprjeta' illi ser tgħaddi triq minnha, il-Gvern iddeċieda li se jagħmel road alignment, inti tkun taf r-road alignments tal-"* (Vol. III: *a fol.* 723), Scerri wieġeb: *"Le, le, le"* (Vol. III: *a fol.* 723).

  Għad-domanda *"Pero' inti taf illi jekk per eżempju għandek triq fejn hija tal-privat u hija għalqa u ħa tinbena din l-għalqa għax ħareg permess biex tinbena, il-Gvern ngħid tajjeb jagħmel ir-road*

*alignments"* (Vol. III: *a fol.* 723), wieġeb: *"Sewwa"* (Vol. III: *a fol.* 723).

Għad-domanda: *"Ngħid sew? Inkun qed ngħid tajjeb illi meta jiġri hekk allura s-sid tal-proprjeta' privata jista' jibni fuq il-proprjeta' privata tiegħu sakemm ma jidħolx fir-road alignment. Mhux hekk?"* (Vol. III: *a fol.* 723), wieġeb: *"Hekk hu"* (*a fol.* 723).

Għad-domanda: *"Pero' mbagħad ir-road alignment rispettiv ta' dik il-proprjeta' naturalment huwa l-Gvern li jrid jagħmlu. Mhux hekk?"* (Vol. III: *a fol.* 723), wieġeb: *"Eżatt. Eżatt"* (Vol. III: *a fol.* 723).

Għad-domanda: *"Fejn inti allura għidtli hemmhekk hija proprjeta' privata, ix-xogħlijiet li saru la taf x'inhuma, la taf għaliex saru"* (Vol. III: *a fol.* 724), wieġeb: *"Le"* (Vol. III: *a fol.* 724).

**IKKUNSIDRAT**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Approprjazzjoni bla jedd)</u>:**
Illi fin-Nota ta' Rinviju għall-ġudizzju l-Avukat Ġenerali jidhirlu li għandha tinstab ħtija fl-imputat taħt, fost l-oħrajn, Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jingħad illi Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jittrattaw ir-reat ta' misapproprjazzjoni u cioé meta persuna żżomm ħwejjeġ li tkun żammet għal ħaddieħor u ma troddhomx lura meta hi tkun taf li trid troddhom. L-Artikolu 294 jagħmilha ċara li dan ir-reat japplika wkoll għal dawk il-persuni li jagħmlu hekk in konnessjoni max-xogħol jew mestjier tagħhom.

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex teżamina x'inhuma l-elementi tar-reat ta' approprjazzjoni indebita. Il-Qrati tagħna kellhom diversi okkażjonijiet sabiex janalizzaw dan ir-reat fosthom fil-każ fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni et** deċiża fid-9 ta' Ġunju 1998. F'dan il-każ il-Qorti għaddiet sabiex elenkat l-elementi essenzjali li jsawwru dana r-reat:

> "Dana r-reat iseħħ meta wieħed (1) jirċievi flus jew xi ħaga oħra mingħand xi ħadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b'mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddieħor".

Illi għalhekk l-awtur ta' dana r-reat irid ikollu l-intenzjoni speċifika illi l-oġġett li jiġi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi għal għan speċifiku, jiġi mdawwar minnu daqs li kieku huwa l-proprjetarju u jagħmel użu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt għalih jew għal ħaddieħor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

> *"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio"* (Manuale di Diritto Penale, Giuffré (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)".

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dr. Siegfried Borġ Cole** deċiża fit-23 ta' Diċembru 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "[...F]il-każ ta' flus li jkunu qed jinżammu minn xi ħadd biex dawn eventwalment jiġu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni tagħhom tista' tammonta għal approprjazzjoni indebita [...]. Kif jispjega Luigi Majno:
>
> *Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita é necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprietà, a scopo d'indebito profitto per sè o per un terzo, il dolo sarà costituito dalla volontarietà della conversione con scienza della sua illegittimità, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrerà in reato chi nel disporre della*

*cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita è (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perché non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza é costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole".*

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn aktar 'il fuq fir-rigward ta' kull lok li fih Joseph Cauchi jgħid li għamel ix-xogħlijiet fih u li għadu ma tħallasx għalih, inkluż dak li ngħad dwar l-operat tal-imputat u dak li tirrikjedi l-ġurisprudenza fir-rigward tal-imputazzjoni in eżami, il-Qorti tinnota li bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li b'xi mod jew ieħor ġew ippruvati l-elementi tal-imputazzjoni in eżami u li jsiru riferenza għalihom fis-sentenza hawn fuq ċitata u ċioé **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni** u b'hekk m'hemmx dubju li l-imputat mhux ser jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni u b'hekk huwa ser jiġi liberat minnha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Frodi b'egħmil qarrieqi)</u>:**

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Każijiet oħra ta' qligħ b'qerq)</u>:**

Illi dawn iż-żewġ imputazzjonijiet ser jiġu kkunsidrati flimkien. F'dawn iż-żewġ imputazzjonijiet, l-imputat qed jiġi akkużat b'dak li jiddisponu Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (li jirrigwarda "Frodi b'egħmil qarrieqi") u Artikolu 309 tal-Kapitolu msemmi (li jirrigwarda "Każijiet oħra ta' qligħ b'qerq").

Illi l-Qorti hija tal-fehma li għandha tagħmel numru ta' konsiderazzjonijiet legali rigward Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Biex jissussisti r-reat tal-frodi jew truffa ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati tagħna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suġġett attiv u s-suġġett passiv tar-reat u ċioé bejn min qiegħed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta' dana r-reat u ċioé l'użu ta' ingann jew raġġieri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa neċessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu. Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Żarb** mogħtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali għamlet esposizzjoni ferm preċiża, studjata u dettaljata għar-rigward ta' l-elementi ta' dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruħha b'dan il-mod għar-rigward ta' dana r-reat:

> "Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-leġislazzjoni Rumana kien magħruf bħala steljolat u li jikkorrispondi eżattament għat-truffa tal-Codice Sardo, għal frodi tal-Kodiċi Toskan, għal Engano jew Estafa fil-Kodiċi Spanjol, għal Bulra f'dak Portugiż, u għal Esroquerie fil-Kodiċi Franċiż. […]
>
> Id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tagħna kienu ġew meħuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 430 tal-Codice delle Due Sicilie li hu identiku ħlief għal xi kelmiet insinjifikanti għal Kodiċi Franċiż (Artikolu 405)

avolja dan, il-Codice delle Due Sicile, it-truffa kien sejħilha Frodi […].

Skond ġurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li ġejjin.

Fl-ewwel lok bħala suġġett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulħadd.

Fit-tieni lok il-Leġislatur, aktar mill-interess soċjali tal-fiduċja reċiproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-użu ta' l-ingann u tar-raġġieri li jinduċu bniedem jiddisponi minn ġid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jagħmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:

a) b'mezzi kontra l-liġi, jew
b) billi jagħmel użu minn ismijiet foloz jew
ċ) ta' kwalifiki foloz jew
d) billi jinqeda b'qerq ieħor u
e) ingann jew
f) billi juri ħaga b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz,
ġ) jew ta' ħila;
ħ) setgha fuq ħaddiehor jew
i) ta' krediti immaġinarji jew
j) sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor.

[...H]u neċessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagaċja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu neċessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-liġi. […]

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi *"hemm bżonn biex ikun reat taħt l-Artikolu 308 illi l-kliem ikun akkumpanjat minn apparat estern li jsaħħaħ il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-teżi hija dik aċċettata fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleġġjalment komposta fil-kawża* ***Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech*** *(03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell'articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed é necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede""*.

Illi fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Żarb** kwotata hawn fuq, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali iċċitat lill-Imħallef Gużè Flores fejn qal illi:

"kif jidher mid-diċitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bżonn li tirriżulta materjalita' speċifika li sservi ta' supstrat għall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bħala vera u b'hekk bħala mezz ta' qerq. Ma huwiex biżżejjed għal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, lużinġi, promessi, mingħajr l-użu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-liġi tagħti protezzjoni speċjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kważi tejatrali, li tissupera l-kawtela ordinarja kontra s-sempliċi u lużinġi, u li tagħti li dawk l-esterjorita' ta' verita' kif tirrendi l-idea l-espressjoni feliċi fid-dritt Franċiż *mise-en-scene*".

L-istess Imhallef Flores kompla jgħid li:

"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, ċioé kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jingħad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oġġett li jkun fi profit inġust tiegħu. L-inġustizzja tal-profitt toħroġ mill-Artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali fejn il-kliem "bi ħsara ta' ħaddieħor" ma jħallux dubbju dwar dan. Jiġifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm

> bżonn li s-suġġett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tiegħu ikun konxju ta' l-inġustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-leġittima produttivita' tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo."

Illi minn dina l-espożizzjoni magħmula mill-Qorti ta' l-Appell li iċċitat diversi sentenzi oħra tal-Qrati tagħna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat tal-frodi baqgħu nvarjati fiż-zmien.

Illi f'sentenza mogħtija mill-Corte di Cassazione Penale ġie deċiż illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa *"l'elemento del danno patrimoniale"*. Biex imbagħad jissussisti dana t-tip ta' reat huwa neċessarju illi jeżistu *"I tre momenti di cui si compone il reato é cioé la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione Penale Sez. II 3 ottobre 2006 n. 34179)*

Illi, għar-rigward ta' dana l-element soġġettiv tar-reat tat-truffa, kif ġie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, ċioé **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri**, deċiża fit-22 ta' Ottubru 2004:

> *"L'agente […] deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, in fine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta' sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Illi, l-istess bħal ma ngħad fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, wara li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn aktar 'il fuq fir-rigward ta' kull lok li fih Joseph Cauchi jgħid li għamel ix-xogħlijiet fih u li skont hu għadu ma tħallasx għalih, inkluż dak li ngħad dwar l-operat tal-imputat u dak li tirrikjedi l-ġurisprudenza fir-rigward tal-imputazzjoni in eżami, il-Qorti tinnota li ma ġiex pruvat dak li huwa rikjest fis-sentenzi msemmija hawn fuq, ċioé **Il-Pulizija vs. Charles Żarb** u **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri**, sabiex

tinstab ħtija fl-imputat fir-rigward taż-żewġ imputazzjonijiet in eżami u b'hekk l-imputat ser jiġi liberat ukoll mit-tieni (2) u mit-tielet (3) imputazzjoni addebitati fil-konfront tiegħu.

**Ir-Raba' (4) Imputazzjoni –**
**(Serq minn uffiċjal jew impjegat pubbliku):**
Illi taħt din l-imputazzjoni l-imputat qed jiġi akkużat li fil-kapaċita' tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku, għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entita' oħra, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi kienu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, jew seraq tali flejjes tal-Gvern jew oġġetti oħra.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li qed jiġi akkużat bih l-imputat taħt din l-imputazzjoni, inkluż dak li jirriżulta mill-atti proċesswali u li jinsab imniżżel b'dettal aktar 'il fuq f'din is-sentenza, kemm dwar l-operat tal-imputat u kif ukoll dwar it-tnejn u għoxrin lok li kemm il-Prosekuzzjoni u Joseph Cauchi jirriferu għalihom waqt id-depożizzjoni tagħhom, il-Qorti tinnota li ma jirriżulta bl-ebda mod li l-imputat għamel dak li qed jiġi akkużat bih taħt din l-imputazzjoni u b'hekk l-imputat mhux ser jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni u b'hekk ser jiġi liberat minnha.

**Il-Ħames (5) Imputazzjoni –**
**(Ksur doluż ta' dmirijiet uffiċjali):**
Illi taħt din l-imputazzjoni l-imputat qed jiġi akkużat li fil-kapaċita' tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku, dolożament, bi ksur tad-dmirijiet tiegħu, għamel jew naqas li jagħmel xi att, b'tagħkis jew bi ħsara ta' ħaddieħor. Meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza u meħud in konsiderazzjoni l-assiem tal-provi prodotti, il-Qorti tinnota li ma jirriżultax li din l-imputazzjoni ġiet b'xi mod pruvata u b'hekk l-imputat mhux ser jinstab ħati tagħha u għaldaqstant ser jiġi liberat minnha.

**Is-Sitt (6) Imputazzjoni –**
**(Kompliċita': Falsifikazzjoni ta' dokumenti):**

**Is-Seba' (7) Imputazzjoni –**
**(Falsifikazzjoni ta' obbligazzjonijiet tal-Gvern u dokumenti minn uffiċjal pubbliku):**

**It-Tmien (8) Imputazzjoni –**
**(Użu ta' obbligazzjonijiet tal-Gvern jew ta' dokumenti foloz):**

**Id-Disa' (9) Imputazzjoni –**
**(Kompliċita': Falsifikazzjoni ta' atti pubbliċi, kummerċjali jew ta' bank privat minn persuna li ma tkunx uffiċjal pubbliku):**

**L-Għaxar (10) Imputazzjoni –**
**(Min xjentement jagħmel użu minn dokumenti foloz):**

**Il-Ħdax (11) Imputazzjoni –**
**(Dikjarazzjoni falza jew tagħrif falz lil awtorità pubblika):**

Illi jkun opportun li l-imputazzjonijiet enumerati bin-numru sitta (6) sa ħdax (11) jiġu kkunsidrati flimkien u dana *stante* li dawn l-imputazzjonijiet jirrigwardaw falsifikazzjoni, affarijiet foloz, użu ta' dokumenti foloz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif falz, u kompliċita'.

Joseph Cauchi xehed li ma kienx jista' jibgħat *invoices* peress li ma kellux kuntratti biex jibgħat l-*invoices* u li l-imputat kien imur id-dar tiegħu, bejn wieħed u ieħor, darba f'sena u kien jeħodlu karti miktuba minnu lesti biex kemm jagħmillu l-*invoice* (lill-imputat). Jixhed: *"Kien jaqbad din il-karta, billi hu kien il-manager tas-CMU u kellu xi mija u ħamsin (150) ħaddiem miegħu, jew kemm kellu insomma, hu kien jaf fejn huma l-ħaddiema, allura kien jaqbad din il-karta, jittikkja fejn jaqbel u jgħidli, iktbu ta' Kuljat, iktbu, hemmhekk, għax hemmhekk hu għandu l-ħaddiema. U x'ħin dik il-karta tiġi biex tgħaddi mid-direttur, dik tgħaddi. Għax fil-works hemm il-ħaddiema hemmhekk. Ma jista' jmeri ħadd li m'hemmx ħaddiema"* (Vol. I: *a fol.* 228). Joseph Cauchi saħaq li x-xogħlijiet magħmula kienu bla *tender* jew bla *period contracts*. Huwa jsostni li ladarba ma kienx hemm *tenders* jew *period contracts*, allura skont hu ġew iffalsikati l-*invoices*.

Illi l-Qorti tinnota li meta l-*whistleblower* Joseph Cauchi xehed f'dawn il-proċeduri huwa qal li numru ta' *invoices* ma kienux korretti u spjega għala skont hu dawn m'humiex korretti. Cauchi nsista li l-*invoices* li kien joħroġ fuq xogħol li kien jagħtih l-imputat kienu foloz u li anke l-pagamenti kienu qegħdin ikunu sussegwentement foloz. Meta Cauchi ġie mistoqsi jgħid x'kien jagħmel bl-*invoices* li semma lill-Pulizija, wieġeb li kien jagħtihom lill-imputat, l-imputat kien jeħodhom id-dipartiment tiegħu u wara xi żmien kien jirċievi ċ-ċekk (Vol. I: *a fol.* 248).

Skont Joseph Cauchi huwa għadu ma tħallasx tax-xogħol li għamel fit-tnejn u għoxrin proġett li jagħmel riferenza għalihom waqt id-depożizzjoni tiegħu u li jinsabu elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza peress li skont hu dawn ix-xogħlijiet saru fil-privat u allura skont hu mhux suppost saru. Bħala parenteżi, il-Qorti tinnota li diġa qalet dak li kellha xi tgħid f'dan ir-rigward aktar 'il fuq f'din is-sentenza. L-istess Cauchi xehed li hemm xogħlijiet oħra li għamel fil-privat u li tagħhom tħallas b'sistema ta' *invoices* foloz.

Illi l-Qorti ser tagħmel riferenza għal dak li qalu żewġ xhieda f'dawn il-proċeduri fir-rigward ta' dak li saħaq fuqu Joseph Cauchi:

- Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex **John Borg** (Vol. II: *a fol.* 385 *et seq.*) filwaqt li xehed li Joseph Cauchi qal li kien hemm xi xogħlijiet li saru fil-privat li kienu jsiru b'*direct order* li kien jagħtihomlu l-imputat, xehed ukoll li l-imputat kien jgħidlu biex jagħmel *invoices* foloz fuq xi wied meta, skont Cauchi, ikunu saru f'xi post privat. Xehed ukoll li, skont Cauchi, mis-CMU kienu jagħmluhom *verified* u kienu jgħadduhom lid-direttur Portelli għall-ħlas.

- **Dr. Christian Żammit** (Vol. II: *a fol.* 464 *et seq.*), ic-*Chief of Staff* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, apparti li xehed li Joseph Cauchi beda jallega li ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tax-xogħlijiet li huwa għamel kien għamilhom fi proprjetajiet privati, xehed ukoll is-segwenti: *"Hu kien allega li s-Sur Debono kien jordnalu jagħmel xogħlijiet fil-privat imbagħad joħorġu invoice illi sar per eżempju f'xi wied, f'xi passaġġ, jiġifieri hu kien jallega li,*

*hu beda jallega li dan fil-verita' xogħlu sar xogħol fil-privat, kantini, rampi etc"* (Vol. II: *a fol.* 465).

Illi riferenza għandha ssir ukoll għaż-żewġ esperti nominati mill-Qorti li ppreżentaw ir-rapporti tagħhom a bażi ta' dak li huma ġew inkarigati jagħmlu. Dawn huma Dr. Martin Bajada u l-Perit Richard Aquilina:

- **Dr. Martin Bajada** ġie appuntat bħala espert tal-kalligrafija għal għan mitlub f'Rikors ippreżentat mill-Prosekuzzjoni fis-26 ta' Awwissu 2015 (Vol. II: *a fol.* 460). Meta l-imsemmi Dr. Bajada ppreżenta r-rapport tiegħu (Dok. "MB 1" – Vol. IV: *a fol.* 1119) huwa identifika numru ta' firem fuq numru ta' dokumenti eżaminati minnu li setgħu saru mill-imputat Debono. Waqt id-depożizzjoni tiegħu (Vol. IV: *a fol.* 1117 *et seq.*) apparti li identifika li għal fini ta' xogħol l-imputat kien juża firma u għall-fini tal-ħajja personali tiegħu kien juża firma oħra, huwa xehed li l-mitejn u tmien (208) firma li nstabu fuq id-dokumenti fil-maġġior parti huma *Local Purchase Orders* (LPOs) u ċ-ċertifikazzjoni fuq l-*invoices* huma tal-imputat. Xehed ukoll li l-kitba li hemm fuq Dok. "JC" hija maqsuma fi tnejn u jispeċifika li hemm kitba ta' Joseph Cauchi u hemm kitba mill-imputat, fejn dak kollu li huwa b'linka ħamra nkiteb minn Cauchi u l-kumplament inkiteb mill-imputat.

- Da parte tiegħu, il-**Perit Richard Aquilina** kien ġie appuntat bħala espert għal għan mitlub f'Rikors ippreżentat mill-Prosekuzzjoni fid-29 ta' Awwissu 2017 (Vol. IV: *a fol.* 1132 *et seq.*). Il-Perit Richard Aquilina ippreżenta r-relazzjoni tiegħu fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2018, liema relazzjoni ġiet immarkata bħala Dok. "RA 1" (Vol. IV: *a fol.* 1199 *et seq.*). Din ir-relazzjoni fiha l-konteġġi tax-xogħlijiet skont kif il-Perit Aquilina ġie mitlub jirrelata kif ukoll pjanti li juru l-estensjoni u l-lokalita' tax-xogħol.

Illi fis-sottomissjonijiet orali tagħha d-difiża tisħaq li skont Joseph Cauchi x-xogħlijiet li jsemmi hu ma setgħux isiru mhux biss għaliex ma kinux jaqgħu fil-kompetenza tas-CMU, mhux biss għax skont

hu saru biex jiġu akkomodati n-nies, iżda wkoll għax skont hu saru għax kienu bla *tender* jew bla *period contracts*. Id-difiża ssostni kif xogħlijiet partikolari kienu jsiru jew permezz ta' *tender* jew permezz ta' *period contracts* (Vol. V: *a fol.* 1832). Id-difiża għandha raġun f'dan u l-Qorti ma għandha xejn aktar x'iżżid ma' dak sottomess mid-difiża f'dan ir-rigward.

Apparti dan, il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għal dak li qalu numru ta' xhieda u li huwa ta' interess fir-rigward tal-imputazzjonijiet in eżami.

- **George Paċe** (Vol. II: *a fol.* 476 *et seq.*), skrivan is-CMU jew *Projects and Development* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, xehed li l-imputat kien l-*officer in charge* tiegħu u li ħafna drabi kien jiċċertifikalu l-*Local Purchase Orders*. Il-Qorti tinnota li għad-domanda magħmula in kontro-eżami lil George Paċe: *"Mela ġejt muri wkoll Sur Paċe, dawk id-dokumenti illi dort u wħud minnhom kienu l-LPOs illi kont taħdem inti, u imbagħad ġejt muri d-dokumenti illi jkunu marru t-Teżor, jekk fhimt tajjeb. Jiena d-domanda tiegħi hija sempliċi. Minn dawk id-dokumenti kollha illi rajt, sa fejn tista' tgħid inti, ok, għax int sa fejn tista' tgħid int, tista' tara, hemm xi ħaġa ħażina f'dawk id-dokumenti […] Hemm xi ħaġa falza fihom? Hemm xi ħaġa mhux normali fihom? Hemm xi ħaġa illi mhux suppost tkun kif suppost fihom?"* (Vol. II: *a fol.* 505), wieġeb: *"Ibqa' ċert illi kieku naf illi hemm xi ħaġa ħażina, jien kont niġbed l-attenzjoni u jiena ma nidħolx fiha. Pero' ħa nerġa ngħidlek, sa fuq l-iskrivanija nista' nitkellem"* (Vol. II: *a fol.* 505).

  Il-Qorti tinnota wkoll li tul il-kontro-eżami ta' George Paċe fis-seduta tad-19 ta' Frar 2020 (Vol. V: *a fol.* 1532 *et seq.*), Paċe xehed kif huwa għamel tnejn u għoxrin sena jaħdem is-CMU. Huwa kkonferma li x-xogħol tiegħu kien li johroġ l-*Local Purchase Orders* u li biex tinħareg l-*Local Purchase Order* ġie li jkun hemm *invoice* u ġie li jkun hemm *requisition* biss u mbagħad jagħmlu *invoice* wara li joħroġ ix-xogħol. Fir-rigward ta' *requisition*, jgħid li jkun hemm talba għax-xogħol li jkunu jridu jissuplixxu fuq is-*site of work*. Ikkonferma li jista' joħroġ *tender*, *period contract*, u jista' joħroġ *direct order* u jgħid li s-sistema dejjem

hekk mxiet. Jixhed li l-involviment ta' Portelli kien li jiċċertifika li korretta u mbagħad tmur id-Dipartiment tat-Teżor.

Ta' interess partikolari huwa l-fatt li meta George Paċe ġie mitlub jikkonferma jekk il-proċedura li jsemmi kinitx hemm fiż-żmien Pawlu Lanzon, fi żmien l-imputat u baqgħitx hemm fiż-żmien Anthony Debono n-Niksu, wieġeb: *"Hekk hu, hekk hu, preċiżament. Xi ħaġa oħra li anke kull LPO kienet tiġi certified correct mill-bidunett mid-direttur s-Sur Portelli dak iż-żmien"* (Vol. V: *a fol.* 1537).

- Għad-domanda magħmula lil **Joseph Portelli** (uffiċjal fil-*Procurement Unit* fil-Ministeru għal Għawdex) jekk bejn is-sena 2006 u s-sena 2012 id-dipartiment li tiegħu hu kien *head* ġiex bżonn *bobcats, skid steer loaders* u s-servizzi li kien jagħti Cauchi, wieġeb: *"Ġie bżonn"* (Vol. III: *a fol.* 932).

L-imsemmi Joseph Portelli xehed ukoll li ċertu każijiet kienu *orders* li kienu fir-*remit* tad-delega illi kellhom il-*Heads of Section* li kellhom delega illi jistgħu jqabbdu xogħlijiet sa ħames mitt Euro (€500) u jgħid ukoll: *"u anke kienu fir-remit tal-limit illi kelli jiena bħala Direttur skont il-Financial Regulations illi jistgħu jitqabbdu xogħlijiet ta' natura simili sa limitu ta' ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000) fi żmien sitt (6) xhur"* (Vol. III: *a fol.* 932). B'hekk jirriżulta li f'dawn il-każijiet ma kienx hemm il-ħtieġa li jkun hemm *period contracts* jew *tenders*. Huwa jżid jgħid: *"Jista' jkun illi dak kienet spiċċat, waqfet dik it-tender u baqgħu jordnaw fuq l-istess tender bl-istess prezzijiet. U la kienu fir-remit tal-limiti li setgħu jiġu approvati imxew u jiena approvajthom wara li kien ikun hemm il-firma tal-uffiċjal inkarigat"* (Vol. III: *a fol.* 933).

Mil-lista ppreżentata minn Joseph Portelli u li ġiet immarkata bħala Dok. "JP 1" (Vol. III: *a fol.* 948 *et seq.*) u mid-depożizzjoni mogħtija minnu (Vol. III: *a fol.* 943), Portelli jixhed li x-xogħlijiet kollha msemmija ndikati fid-dokument imsemmi huma kollha taħt il-ħames mitt Euro (€500) u bħala total għal kull sena kien anqas minn ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000). Għad-domanda mid-difiża: *"ħalli nkun żgur illi qed nifhem dan id-*

*dokument kollu, mela allura dan id-dokument huwa xogħlijiet illi saru fuq struzzjonijiet tal-varji Heads, Works, CMU, u qsamthom, skont l-istruzzjonijiet li setgħu jagħmlu permezz ta' dan id-direct remit li kellhom?"* (Vol. III: *a fol.* 943 *et seq.*), wieġeb fl-affermattiv u rriafferma dwar id-delega tal-hames mitt Euro (€500) li kellhom fejn xehed li jirriżulta li din id-delega ġiet rispettata!

- Għad-domanda magħmula lil **Pietru Debono** (Vol. III: *a fol.* 640 *et seq.*) (li jgħid li huwa *mechanic* u li għandhom xogħol tal-konkos, tħaffir ta trinek, tqegħid ta' arbli, u affarijiet relatati ma' dak ix-xogħol) jekk huwa qattx ġie mitlub mill-imputat sabiex joħroġ xi *voucher* jew xi *delivery note* ta' xi xogħol li fil-fatt ma għamilx, wieġeb fin-negattiv. Wieġeb ukoll fin-negattiv għad-domanda jekk qattx ġie mitlub jagħmel xi *invoice* ta' xi xogħol illi qatt ma kien għamel. Għad-domanda: *"Qatt ġejt mitlub tieħu konkos f'xi post illi inti ma fhimtx illi huwa post illi s-CMU għandu r-remit biex jaħdem dak ix-xogħol?"* (Vol. III: *a fol.* 645), wieġeb: *"Jiena fil-privat, sa fejn naf jiena, qatt ma ħadna konkos"* (Vol. III: *a fol.* 645).

- Anke s-*supplier* tal-ġebel **Mario Buġeja** (Vol. III: *a fol.* 911 *et seq.*) li għandom barriera tal-ġebel, meta ġie mistoqsi jgħid jekk qattx qalulu jew jafx illi ħa xi ġebel f'xi post tal-privat, wieġeb: *"Mhux li naf jiena"* (Vol. III: *a fol.* 914). Għad-domanda: *"[Q]att ma talbek Debono [...] tmur tagħti xi ġebel għand xi ħadd privat. Qatt talbek Debono biex toħroġ xi invoice li ma jkunx jirrapreżenta l-post fejn ħadt ix-xogħol"* (Vol. III: *a fol.* 914), wieġeb: *"Jiena l-invoices dejjem ħriġthom skont id-delivery notes"* (Vol. III: *a fol.* 914).

- Meta **David Apap** (Vol. V: *a fol.* 1655 *et seq.*) kien qed jiġi mistoqsi dwar ix-xogħlijiet li Cauchi għamel fil-*ground* tal-football, fil-*ground* iż-żgħir fl-iskola primarja tal-Għarb u fil-*platform*, għad-domanda: *"L-aħħar domanda hija din, f'xi mument Toni Debono qatt ġie għandek u staqsiek biex tħallas xi flus jew tagħtih xi flus ħalli jkun jista' jħallas lis-Sansun jew jagħti xi flus lis-Sansun?"* (Vol. V: *a fol.* 1656), Apap wieġeb: *"Le taf. Jien għalija x-xogħol li kien twettaq mill-Ministeru għal Għawdex kien dejjem se jitħallas mill-Ministeru għal Għawdex. Qatt ma ġejt mitlub la biex*

*noħorġu flus mill-Kunsill u lanqas ... ma jidhirli li qatt ma kien hemm dawn l-affarijiet"* (Vol. V: *a fol.* 1656).

- Meta **Sammy Camilleri** (Vol. V: *a fol.* 1658) ġie mistoqsi in kontro-eżami jgħid jekk l-imputat qattx mar għandu biex jgħinu jew biex jagħtih xi flus sabiex dawk il-flus jgħaddihom lil Joseph Cauchi, wieġeb fin-negattiv.

Tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, għandha raġun id-difiża meta fis-sottomissjonijiet finali tagħha tissottometti (Vol. V: *a fol.* 1839 *et seq.*) li kieku huwa minnu illi kellhom jiġu ffalsifikati l-*invoices* ta' Joseph Cauchi għax ix-xogħol mhux suppost sar, kull fejn kien hemm proġett fejn intuża ġebel u *concrete* kien ikun impossibbli illi jinstabu l-*invoices* ta' Pietru Debono tal-*concrete*, li jinstabu l-invoices ta' min ipprovda l-ġebel u dana peress illi f'każ li Joseph Cauchi kien qiegħed jiġi mitlub biex jiffalsifika *invoice* għax dak ix-xogħol mhux suppost sar, allura wkoll kellha tiġi ffalsifikata d-*delivery note*, l-*invoice* Ii għandha x'taqsam mal-*concrete* u l-*invoice* li għandha x'taqsam mal-provviżjoni tal-ġebel fejn kien hemm bżonn ġebel! Kien ikun impossibbli illi l-Prosekuzzjoni ssib id-dokumenti kollha li sabet. F'każ ta' falsifikazzjoni ma kinux jinstabu dawn id-dokumenti kollha!

Illi da parte tiegħu Joseph Cauchi xehed li fit-18 ta' April 2013 x'ħin kien jaf li ma kellux ċans jiġbor il-flus tax-xogħlijiet magħmula minnu, qabad u għamel *statement* dokument "D165" (*Lever Arch File*: Dok. "JC") u kkonferma li minn dan id-dokument jidher li l-bilanċ dovut huwa dak ta' erbgħa u tletin elf, disa' mija u ħamsa u disgħin Euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu Euro (€34,995.48). Huwa xehed (Vol. I: *a fol.* 327 *et seq.*) li wara l-Elezzjoni Ġenerali tas-sena 2013 l-imputat mar jaħdem f'uffiċċju n-Nadur u mistoqsi jgħid x'għamel hu f'dan iż-żmien dwar il-bilanċ li kellu jieħu tax-xogħol li hu kien għamel mingħajr ma kien għadu nvojsja, wieġeb li kien iċempel lill-imputat biex jirranġaw fuq il-flus u li l-imputat kien jgħidlu biex jagħtih ċans u li kienu ser jirranġaw. Spjega li fi Frar 2014 l-imputat mar id-dar tiegħu u ħadlu ghaxart'elef Euro (€10,000) fi flus kontanti u jgħid li l-imputat qallu biex ma jitkellimx li kien tah il-flus għax bħalu kellu lil min jagħti u li kollha kien ser iħallashom

wieħed, wieħed. Jgħid li tah karta bil-*letter head* tiegħu (ta' Cauchi) bħala rċevuta u kkonferma li din kienet dokument "D162" (*Lever Arch File*: Dok. "JC"). Spjega wkoll li fid-29 ta' Diċembru 2014, l-imputat mar id-dar tiegħu u tah għaxart elef Euro (€10,000) oħra fi flus kontanti u qallu li dawk il-flus qed iħallashom kollha minn ħalq uliedu. Ikkonferma li dokument "D163" (*Lever Arch File*: Dok. "JC") hija karta li l-imputat kien tah għaxart elef (€10,000). Għal domanda magħmula lilu (Vol. I: *a fol.* 330) jekk mill-bilanċ tridx tonqos is-somma ta' għoxrin elf Euro (€20,000) li jgħid tah l-imputat, wieġeb fl-affermattiv biex b'hekk ikun għad fadal bilanċ ta', fi kliem Cauchi: *"Fourteen nine nine five (14,995) iżżid il-VAT tal-għoxrin elf u jiġu eighteen, five nine five, forty eight* (18,595.48)" (Vol. I: *a fol.* 330).

Illi dak li ngħad minn Joseph Cauchi fil-paragrafu preċedenti, u ċioé li huwa rċieva l-ammont ta' għoxrin elf Euro (€20,000) mill-imputat, ma ġie pruvat bl-ebda mod. Il-fatt li Cauchi jagħmel riferenza ghal dokumenti "D162" u "D163" (*Lever Arch File*: Dok. "JC") ma jfisser xejn. Fuq dawn id-dokumenti m'hemm l-ebda firma fuqhom (għajr dik tal-Maġistrat sedenti) u da parte tiegħu l-espert tal-kalligrafija Dr. Martin Bajada msemmi aktar 'l fuq ma seta' jqabbel l-ebda firma fuqhom!

Illi, tenut kont ta' dak li jirriżulta mill-atti proċesswali u ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti tinnota li l-ebda waħda mill-imputazzjonijiet in eżami, ċioé dawk enumerati bin-numru sitta (6), sebgħa (7), tmienja (8), disgħa (9), għaxra (10) u ħdax (11), ma ġew sodisfaċentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jiġi liberat minnhom kollha.

**<u>It-Tnax (12) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Dispożizzjoni ġenerali li tapplika għall-uffiċjali pubbliċi)</u>:**
Illi meħud in konsiderazjoni dak li ngħad fir-rigward tal-imputazzjonijiet enumerati bin-numru wieħed (1) sa ħdax (11) u tenut tal-fatt li l-imputat ser jiġi liberat mill-imsemmija imputazzjonijiet, b'hekk ma jirriżultax li l-imputat ikkommetta dak li huwa akkużat bih taħt it-tnax (12) imputazzjoni. Ma jirriżultax li huwa kkommetta xi reat filwaqt li kien uffiċjal jew impjegat pubbliku u b'hekk ma sarx ħati ta' xi reat li huwa kellu jissorvelja

biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi. Għaldaqstant, l-imputat ser jiġi liberat ukoll minn din l-imputazzjoni.

**<u>It-Tlettax (13) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Min ma jħallix li jingħata tagħrif jew prova meħtieġa)</u>:**
Illi taħt din l-imputazzjoni l-imputat qed jiġi akkużat li ma ħallix persuna jew persuni oħra tagħti jew jagħtu t-tagħrif jew provi meħtieġa f'kawża, ċivili jew kriminali, jew lil xi awtorità kompetenti jew quddiemha.

Illi dwar din l-imputazzjoni l-Qorti ma tantx għandha wisq xi tgħid għajr għall-fatt li hija ma ġietx ippruvata bl-ebda mod u b'hekk l-imputat ser jiġi liberat minnha wkoll.

**IKKUNSIDRAT**

Illi minkejja li l-Qorti *tista'* tispekula dwar dak li seta' ġara, madanakollu dawn huma biss konġetturi u xejn ibbażat fuq provi konkreti fl-atti. Is-suspetti (!) li wieħed jista' jkollu fl-imputat jiżvanixxu assolutament fix-xejn wara li l-atti proċesswali **<u>kollha</u>** jittieħdu in konsiderazzjoni.

Illi l-Qorti jirriżultalha li l-imputat ħadem bl-istess mod illi kien jaħdem is-CMU qablu fi żmien Pawlu Lanzon. Ix-xogħol tas-CMU kien u għadu wieħed vast u li jaħdem bl-istess mod u għall-istess għan (kif imsemmi fir-Rapport Annwali li jsir riferenza għalih aktar 'il fuq) li kien jaħdem meta kien hemm l-imputat.

Illi minn dak li ngħad minn Joseph Cauchi li ngħata l-istat ta' *whistleblower* f'dawn il-proċeduri ma jirriżulta xejn sal-grad rikjest mil-liġi sabiex tinstab ħtija fl-imputat f'xi imputazzjoni li huwa ġie akkużat biha u dana kif irriżulta minn din is-sentenza.

Illi minkejja li d-difiża qajmet ir-riżervi tagħha dwar kemm xehed mis-sewwa Joseph Cauchi meta qal li għadu ma tħallasx għax-xogħol li skont hu sar fil-privat, il-Qorti tinnota li ma kellhiex għalfejn tara jekk Cauchi verament tħallasx jew le u dana tenut kont

tal-fatt li l-Qorti kellha teżamina bir-reqqa l-imputazzjonijiet kollha miġjuba f'dan il-proċess voluminuż kontra l-imputat.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li dan il-każ seta' jiġi investigat aħjar mill-Pulizija u seta' jiġi evitat li l-imputat jitressaq il-Qorti u jkollu jaffaċja akkużi serji kriminali fil-konfront tiegħu. Il-Qorti qed tgħid dan għax filwaqt li huwa minnu li l-Qorti setgħet issib ħtija fuq id-depożizzjoni ta' xhud wieħed biss, pero' minkejja li Joseph Cauchi ngħata l-istat ta' *whistleblower* ma jfissirx li dak kollu li ngħad minnu bilfors għandu mis-sewwa.

Illi dak li setgħet tagħmel il-Prosekuzzjoni huwa li teżamina dak kollu li ngħad lilhom minn Joseph Cauchi u tifli u tanalizza jekk dak li ngħad minnu ġiex, per eżempju, korroborat minn xhieda oħra, fosthom, per eżempju, ħaddiema li ħadmu fil-proprjetajiet in kwistjoni, liema korroborazzjoni setgħet (forsi!) twassal għal konklużjoni differenti.

**IKKUNSIDRAT**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, l-ebda waħda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma ġiet sodisfaċentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jiġi liberat mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Anthony Debono ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u b'hekk tilliberah minnhom.

Finalment, il-Qorti tiċħad it-talbiet tal-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' friżar u sekwestru tal-assi tal-imputat, fir-rigward tal-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti u fir-rigward tal-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-

esperti, liema talbiet saru fiċ-*charge sheet* miġjuba fil-konfront tal-imputat, u dana *stante* li l-imputat ġie liberat mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Maġistrat**

---

**Ms. Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**